LAUDATO SI'



# Dawl Franġiskan

AWWISSU - SETTEMBRU 2015 • IL-35 SENA • GHADD 352

NEWSPAPER POST • IISN 1811-5373

Il-Papa Franġisku għadu kemm wassal lid-dinja kollha dokument ta' valur kbir dwar il-Ħarsien tal-Ambjent. Ispirat minn San Franġisk ta' Assisi, Patrun tal-Ekoloġija, il-Papa sejjaħ dan id-dokument bl-isem "LAUDATO SI'" - "TKUN IMFAĦĦAR, MULEJ", isem meħud mill-Innu tal-Kreaturi li l-Qaddis ta' Assisi mar jinseġ. Inħallu li din l-Enċiklika tqajjem fina aktar kuxjenza favur l-ambjent.




# Werrej


3 **Editorjal**
Laudato Si'

5 **Ħajja Konsagrata**
P. Carm Della SJ

8 **Bibbja**
Mons. Lawrence Sciberras
(L-ewwel parti)

9 **Poeżiji**
Fr Richard Bonnici OFMCap

10 **Pastorali tas-saħħa**
Patri Mario Attard OFM Cap

12 **Franġiskaniżmu**
Fr Ivan Scicluna OFMCap

14 **Missjoni**
Fr Philip Cutajar OFMCap

16 **Knisja Ħajja:**
Ħidma u Aħbarijiet
Fr Silvestru Bonavia OFMCap

18 **Qaddisin Mudelli**
Philip E. Said
(It-tieni parti)

20 **Mill-Iskola ta' Padre Pio**
Fr Joe Buttigieg OFMCap

22 **Missjoni**
Mons. Joseph Alessandro OFMCap

24 **Missjoni**
Edward Pentin

26 **Baskal Fra Ferħan**

28 **Aħbarijiet tal-Provinċja**
Fr Publius Mair OFMCap – Segretarju Provinċjali

31 **Kompetizzjoni**
Fr Wistin Attard OFMCap


# Dawl Franġiskan

LEħEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN


**Bord Editorjali**

*Editur*
Fr Philip Cutajar OFMCap

*Amministratur*
Fr Crispin Tabone OFMCap

*Distributuri Malta*
Dorian Holland OFS

*Distributuri Għawdex*
Pierre E. Buttigieg OFS

*Membri*
Joe Debattista – GFF
David Bajada – ĠI.FRA

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**

Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

*Telefown:* 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

*Imejl:*
dawlfrangiskan@gmail.com

*IISN 1811-5373*

*Disinn u Stampar*
Best Print Co. Ltd
*Telefown:* 2168 0789


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*

*© Dawl Franġiskan 2015*
*Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini*

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena.

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni, u għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini,**
**Il-Kunvent tal-Kapuċċini,**
**Il-Furjana – FRN1211**




EDITORJAL Fr Philip Cutajar OFMCap

# LAUDATO SI'

Nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2015, il-Papa Franġisku ppreżenta lid-dinja l-ewwel enċiklika tiegħu dwar il-ħarsien tal-ambjent, *Laudato si'*. Kif jgħid hu stess, kien San Franġisk t'Assisi li ispirah biex jagħżel dan it-titlu mill-isbaħ għal din l-enċiklika daqshekk attwali għad-dinja tal-lum.

Jgħidilna l-Papa Franġisku: "*Laudato si', mi' Signore*" – "Mulejja, tkun imfaħħar." Fil-kliem ta' din l-għanja San Franġisk t'Assisi jfakkarna li d-dar komuni tagħna hi bħal oħt li magħha naqsmu ħajjitna, u omm sabiħa li tiftaħ idejha biex tħaddanna magħha: "Mulejja, tkun imfaħħar f'oħtna u ommna l-Art, għax minnha l-għajxien u hi tmexxina, u tagħtina frott ta' kull bixra, ward bl-ilwien u l-ħxejjex." (nru 1).

**Imma għaliex San Franġisk u mhux qaddis ieħor? Jissokta l-Papa:**

"Ma ridtx nikteb din l-enċiklika mingħajr ma ndur għal dik il-figura li tiġbdek u qawwija, li ismu jiena ħadt bħala gwida u ispirazzjoni meta ġejt magħżul bħala l-Isqof ta' Ruma. Nemmen li San Franġisk huwa l-eżempju eċċellenti għall-kura ta' dawk vulnerabbli u għall-ekoloġija integrali li hija mgħixa bil-ferħ u b'mod awtentiku. Huwa l-qaddis patrun ta' dawk kollha li jistudjaw u jaħdmu fil-qasam tal-ekoloġija. U huwa maħbub ħafna minn dawk li mhumiex Insara. Kien konċernat b'mod partikulari għall-ħolqien ta' Alla, għall-fqar u għall-imwarrbin. Ħabb u ġie maħbub ħafna għall-ferħ tiegħu, għall-għotja ġeneruża tiegħu nnifsu, għall-qalb miftuħa tiegħu. Kien mistiku u pellegrin li għex fis-sempliċità u f'armonija tal-għaġeb ma' Alla, mal-oħrajn, man-natura u miegħu nnifsu. Jurina kemm ir-rabta bejn il-ħarsien tan-natura, il-ġustizzja lejn il-fqar, l-impenn lejn is-soċjetà u l-paċi interjuri ma tinħallx" (nru 10).



Id-dinja tinsab mhedda minn ħafna problemi ambjentali li qegħdin idgħajfu l-potenzjal li ħalaq fiha Missierna tas-sema. Insemmu t-tniġġis u l-bdil fil-klima, l-iskart tossiku, il-kultura ta' 'uża u armi', ir-riċiklaġġ limitat, it-tisħin globali tal-pjaneta tagħna bir-riskju li l-livell tal-ibħra qiegħed dejjem jogħla, l-estremitajiet fit-temp, id-deforestazzjoni, l-oċeani mimlija tossiċi, il-qerda tal-ekosistemi, iż-żieda fil-livell tal-*carbon dioxide*, it-telfa tal-bijodiversità, in-nuqqas ta' ilma tajjeb għax-xorb, is-sajd mhux ikkontrollat u l-bqija.



Jekk, kif jgħidilna l-Papa Franġisku, "ilkoll kemm aħna ninsabu marbuta b'rabtiet li ma jidhrux u flimkien niffurmaw għamla ta' familja universali, komunjoni sublimi li timliena b'rispett sagru, affettiv u umli" (nru 89) hemm bżonn li lkoll kemm aħna naraw x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħna ħalli nassiguraw li darna, jiġifieri d-dinja li ngħixu fiha, tkun imħarsa.

L-enċiklika *Laudato si'* hija raġġ ta' dawl li jwassal lil dawk kollha li jaqrawha, hi x'inhi r-reliġjon tagħhom jew ir-rwol li jħaddnu fis-soċjetà, il-messaġġ qawwi tat-tama. Dik it-tama li tgħidilna li "l-umanità għad għandha l-ħila li taħdem flimkien biex tibni d-dar komuni tagħna" (nru 13). *Laudato si'* tfakkarna li "l-irġiel u n-nisa għad għandhom il-ħila li jintervienu b'mod pożittiv" (nru 58) fil-kwistjoni tal-ambjent. Fuq kollox *Laudato si'* turina li

> "xejn mhu mitluf. Il-bnedmin, waqt li huma kapaċi li jwettqu l-agħar, huma kapaċi wkoll li jitilgħu 'l fuq minnhom infushom u jagħżlu mill-ġdid dak li hu tajjeb, u li jibdew bidu ġdid" (nru 205).

Aħna min aħna ejjew "inħossuna magħquda b'mod intimu ma' dak kollu li jeżisti, imbagħad ir-rażan u l-kura joħorġu minna b'mod spontanju" (nru 11). Wara kollox id-dinja, il-ħolqien, int u jien, aħna aħwa! Fraternità! Fejn taqta' joħroġ id-demm. Imma fejn tfejjaq billi tieħu ħsieb joħroġ il-fejqan!

Il-fraternità ta' darna! *Laudato si'*!



# Ħarsa ta' Mħabba

**Is-Sena tal-Ħajja Konsagrata**
**mit-30 ta' Novembru 2014**
**sat-2 ta' Frar 2016**

SENA 2015 — SENA TAL-ĦAJJA KONSAGRATA

Wieħed mill-isbaħ diskorsi li għamel il-Papa Franġisku dan l-aħħar kien dwar il-"ħarsa ta' mħabba" li Ġesù għandu għal kull bniedem. Kemm aktar dan jgħodd għal kull persuna konsagrata! Il-Papa jfakkar li kull Nisrani jgawdi minn din il-ħarsa partikulari minħabba l-magħmudija li rċivejna. Imma kif nafu mit-tagħlim tal-Knisja, kemm aktar dan japplika għal kull min Ġesù jħares lejh/lejha għax ikun iridhom jimxu warajh mill-qrib, biex imbagħad juruh lill-bqija ta' ħuthom il-bnedmin.

Fl-omelija li għamel f'Sta Marta fl-24 t'April li għadda, u kważi kull darba li jitkellem mas-saċerdoti jew persuni konsagrati, huwa ma jonqosx milli jagħmel allużjoni għal dan il-fatt kbir ta' mħabba. Kliem il-Papa:

*"Kull bniedem ikollu laqgħa personali mal-Mulej. Laqgħa tassew, konkreta, li tista' tbiddel mill-għeruq il-ħajja. Is-sigriet huwa li mhux biss* ***għandna*** *nittendu biha, imma wkoll li qatt aktar ma nitilfu t-tifkira tagħha, biex nibqgħu ngħożżu l-freskezza u s-sbuħija tagħha."*

Hekk ikkummenta l-Papa Franġisku fuq l-episodju tal-laqgħa ta' San Pawl ma' Ġesù fit-triq ta' Damasku. Dik il-laqgħa biddlet għalkollox lil Sawlu u minn persekutur għamlitu dixxiplu u appostlu. Pawlu baqa' jiftakar u jgħożż dik il-laqgħa straordinarja li mhux biss biddlitu imma għaqqditu ħaġa waħda ma' Ġesù; f'dik il-laqgħa sab il-qawwa biex jgħix kif kien jgħallem dan Ġesù, li Pawlu kien ipprova jeqred. Huwa wkoll imtela b'kuraġġ kbir biex ixandar l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù nnifsu. F'kelma waħda ta ħajtu kollha lil Ġesù: "Għalija l-ħajja hi Kristu" (Fil. 1, 21; Gal. 2, 20).

Jien u int il-Mulej sejħilna biex, f'qisien iżgħar, inkunu dixxipli u appostli tiegħu. L-ewwel nett irridu niftakru f'dik il-ħarsa meta Huwa ħares lejna. Flok ħarsa setgħet kienet ċirkustanza li ntilfet maż-żmien. Nippruvaw inħarsu lura, ftit jew ħafna 'l bogħod, u niftakru fiha. F'din is-Sena dedikata għall-Ħajja Konsagrata tajjeb insibu ftit ħin, fl-irtiri li qed nagħmlu jew f'ħin ta' intimità mal-Mulej, f'dak il-jum li Huwa ħares lejna u aħna għidnielu IVA.

Imma mhux biss biex niftakru, jgħidilna l-Papa, imma biex il-bidla li dakinhar bdiet isseħħ fina, jew aħjar li Hu wettaq fina, inkompluha. Naraw flex aħna f'dil-mixja, f'din il-konverzjoni-bidla ta' kuljum. Ngħożżu t-tifkira tagħha mhux biss biex nagħmlu kuraġġ f'mument ta' qtigħ il-qalb, imma biex niftakru f'dik l-imħabba speċjali. Dan jgħinna nikbru fir- relazzjoni tagħna miegħu u nkunu tassew dixxipli tiegħu. Hekk, kif ukoll spiss itenni l-Papa, anke f'*Il-Ferħ tal-Vanġelu* (119-121), inkunu missjunarji, jiġifieri nwassluh b'ħajjitna u ħidmitna, tkun xi tkun, hi x'inhi, anke jekk illum ninsab bla forzi. Nista' u għandi dejjem inwassal imħabbtu kullimkien.

Hekk nibqgħu ngħożżu s-sbuħija u l-freskezza ta' dak l-ewwel jum meta għidnielu IVA. U naraw jekk l-IVA tal-lum hijiex rifless ta' dik l-ewwel IVA. Hekk is-Sena tal-Ħajja Konsagrata tkun ta' fejda kbira għalina lkoll, għall-komunitajiet tagħna, għall-Knisja kollha u s-soċjetà kollha. Għax ħajjitna tkompli tinbidel u tkun aħjar.



ĦAJJA KONSAGRATA P. Carm Delia SJ

# L-Ubbidjenza




L-ewwel ħsieb li jiġini f'moħħi meta naħseb dwar l-ubbidjenza reliġjuża, jew it-tielet vot, li nagħmlu aħna r-reliġjużi, huwa dak li tgħid dwar Ġesù l-Ittra lill-Filippin:

**"Kien umli u mexa t-triq tal-ubbidjenza sal-aħħar nett, sal-mewt fuq is-salib" (2, 9).**

Ħsieb li jorbot ma' dan insibuh fl-Ittra lil-Lhud (5, 8): "... għalkemm kien Bin Alla, minn dak li bata tgħallem l-ubbidjenza".

Il-kelma 'ubbidjenza' ġejja mil-Latin: *oboedientia*. L-għerq ta' dan it-terminu huwa *audire*, li tfisser 'tisma''. Fil-Malti għandna l-frażi 'tisma' lil xi ħadd', u l-oħra 'tisma' *minn* xi ħadd'. Ġesù, u din hi karatteristika tiegħu, kien jisma' lill-Missier, u kien dejjem jisma' minnu, jobdih. Skont it-teoloġija dewteronomika, 'tobdi' tfisser 'tħobb'. Naħseb li l-kuntrarju jgħodd ukoll: tħobb 'l Alla tfisser tobdih; tobdih jiġifieri tħobbu. Il-Vanġeli jagħmluha ċara li Ġesù kien jitlob. Fit-talb Ġesù kien jiddjaloga mal-Missier. Fid-djalogu jgħodd is-smigħ, daqs jew forsi aktar mit-taħdit. Fit-talb Ġesù kien ifittex id-dawl, l-għerf, il-qlubija, il-fedeltà, biex iwettaq, fil-ħidma konkreta ta' kuljum, il-missjoni li tah il-Missier.

Fil-ħajja reliġjuża, l-ubbidjenza tmiss kemm lil min huwa mqiegħed biex imexxi lill-komunità, u lil kull wieħed li jagħmel parti minnha, kif ukoll lill-membri individwalment u bħala 'korp' jew 'komunità', ilkoll imsejħin biex jgħixu l-Vanġelu ta' Kristu fir-radikalità tiegħu, jiġifieri kif tfisser il-kelma, sal-għeruq. Niftakar lil P. Pedro Arrupe, Superjur Ġenerali tal-Ġiżwiti, jgħidilna li tnejn huma l-elementi li qatt m'għandhom jonqsu f'kull komunità: il-kappella u s-superjur. San Benedittu, missier il-monakiżmu fil-Punent, isejjaħ lis-superjur '*Abbas*' ('Missier' jew 'abbati'). It-tradizzjoni tal-Ordni Franġiskan tqis lis-superjur bħala gwardjan (għassies). L-Ordni tal-Predikaturi, fost l-oħrajn, isejħu lis-superjur '*Prior*' (Prijur, l-ewwel wieħed). Sant'Injazju ta' Loyola juża l-kelma '*Praepositus*' (imqiegħed fuq sħabu), li jista' jkun '*Generalis*' (superjur tal-Ordni), inkella '*Provincialis*' (ta' provinċja). Juża spiss ukoll il-kelma '*Superior*' (Superjur). L-irħieb tal-antik kienu jqisu lis-superjur tagħhom bħala missier spiritwali fl-istess ħin. Eminenti fl-għarfien tal-Kelma t'Alla, is-Superjur kien ifittex li jmexxi lil sħabu billi jgħarbel dak li jgħidulu u l-istat li jkunu jinsabu fih, fid-dawl tal-verità tal-Iskritturi.

Fost l-ismijiet tas-superjuri, li semmejna bħala eżempji, l-aktar wieħed li jogħġobni huwa dak ta' 'Abbati' (Missier). Dan it-terminu juri r-relazzjoni reċiproka li għandu jkun hemm bejn ir-reliġjuż u s-superjur tiegħu. Huwa fl-istess ħin tifkira u sejħa biex

din ir-relazzjoni tkun imnebbħa u mdawla mir-relazzjoni trinitarja bejn il-Missier u l-Iben. L-isem ta' 'gwardjan' (*Custos* bil-Latin) jagħti ħjiel kemm tar-responsabbiltà tas-superjur fil-komunità, li jagħmel parti minnha bil-karizma waħdanija tal-awtorità, li skont il-Vanġelu hija servizz, kif ukoll tal-kura li għandu jkollu biex il-komunità tgħix bil-fedeltà r-Regola u l-ispirtu tagħha, li għaliha hija espressjoni tar-rieda tal-Missier tas-sema. Il-Prijur nistħajlu dak li jirrappreżenta l-komunità tiegħu quddiem il-Mulej, hu l-ewwel wieħed li jġorr id-dgħufija ta' ħutu, jinterċedi għalihom, jirringrazzja għat-talenti u d-doni tagħhom u jitlob il-barka fuq kull wieħed u fuq il-komunità, ħalli jkunu "offerta li togħġbu, u li tibqa' għal dejjem quddiemu" bil-ħajja u l-ħidma konkreta tagħhom. L-awtorità reliġjuża fuq l-aħwa reliġjużi għandha l-kompetenzi u f'ħafna każi l-limiti tagħha. Barra milli fl-ordnijiet monastiċi, il-komunitajiet lokali, taħt it-tmexxija tal-awtorità tal-komunità konkreta, huma mibnija mill-awtorità tas-superjur provinċjali, li tinfirex fuq aktar minn komunità waħda.

Dak li għedna jmiss direttament lill-komunitajiet maskili. Imma, *mutatis mutandis*, jgħodd fil-linji ġenerali għall-fergħat reliġjużi femminili. Fost dawn ukoll insibu l-badessi, il-prijuri u s-superjuri. L-awtorità hija ġeneralment speċifikata skont it-Tradizzjoni jew/u r-Regola tal-Ordni jew il-Kongregazzjoni.

Is-superjur fil-Kumpanija ta' Ġesù, għal dawk li jagħmlu l-professjoni tal-erba' voti, huwa l-Papa, li lilu jwiegħdu "ubbidjenza dwar il-missjonijiet" (jew ħidmiet) li jista' jagħtihom. Is-superjur fil-kumpanija stess, imbagħad, huwa l-Provinċjal, maħtur mill-Patri Ġeneral, magħżul mill-ogħla awtorità, li hija l-Kongregazzjoni (qisu Kapitlu) Ġenerali. Il-'gvern' jew it-tmexxija tal-Ġiżwiti hija personali. Kull Ġiżwita għandu d-dmir li jiftaħ il-kuxjenza tiegħu mal-Provinċjal, li min-naħa tiegħu għandu dritt jistaqsi u jkun mgħarraf mill-individwu dwar il-kuxjenza tiegħu, biex fid-djalogu reċiproku jaraw is-sinjali tar-rieda t'Alla, u l-ħidma appostolika li tingħata tkun adattata u effikaċi. Is-superjur lokali għandu, hu wkoll, awtorità fuq sħabu fil-komunità, biex jgħin lil kull wieħed iwettaq f'għaqda komunitarja l-missjoni li jagħtih, u biex flimkien mal-aħwa jlaħħmu l-missjoni komunitarja mogħtija.



Il-vot reliġjuż tal-ubbidjenza, bħall-voti reliġjużi l-oħra, isir lil Alla. Ir-reliġjuż, imsejjaħ u mqanqal minn Alla, jidħol f'patt reċiproku miegħu. L-iskop tal-vot huwa li n-Nisrani jagħraf u jwettaq dak li Alla jrid/jitlob minnu tul ħajtu kollha. Din ir-rieda tal-Missier, ir-reliġjuż jagħrafha permezz tal-medjazzjoni tal-awtorità fil-ħajja reliġjuża. Mhux b'mod infallibbli jew ċertissimu, imma fil-*chiaroscuro* tal-mera tal-metall, kif jgħid San Pawl. Dak li jrid Alla, ir-reliġjuż, li jfittex li jgħix ħajja skont l-Ispirtu (spiritwali), bħala Nisrani tajjeb, isibu fil-kuxjenza tiegħu, fil-kwadru tar-Regola. Iżda f'deċiżjonijiet ta' ċerta importanza r-reliġjuż iħoss il-bżonn tad-dawl, tal-parir, tal-kunsens u tat-tmexxija mill-awtorità, bil-kompetenzi u l-limiti tagħha. L-awtorità fiha nnifisha mhix poter. L-awtorità reliġjuża għandha sehem essenzjali fl-eżerċizzju tal-ubbidjenza. Kemm l-awtorità u kemm ir-reliġjuż iridu jfittxu u jsibu dak li jidher li Alla jrid fil-konkret. Fi djalogu tal-aħwa, it-tnejn iridu 'jiddixxernu' l-ispirti u jaraw 'il fejn l-Ispirtu t'Alla qiegħed jonfoħ. Fi djalogu miftuħ, onest, li ma jridx ħlief ifittex il-verità tar-rieda t'Alla, it-tnejn iridu jisimgħu lil xulxin u jgħidu dak li jħossu u jifhmu. Dan jgħodd ukoll meta komunità bħala



kollettività ta' aħwa tfittex hi wkoll ir-rieda t'Alla għaliha. L-ubbidjenza minn naħa waħda hi l-adeżjoni fil-paċi ma' dak li jidher li Alla jrid, permezz tad-djalogu, f'atmosfera ta' talb u ta' disponibbiltà li nfittxu, insibu u nwettqu dak li jrid jew jogħġob lil Alla. Is-superjur mhux qiegħed hemm biex jimponi, iżda fid-dawl tal-Ispirtu u tal-merti tal-kwistjoni, *jiddeċiedi*. Id-deċiżjoni tal-awtorità f'dan il-kuntest hija, fiha nnifisha, *sinjal qawwi* ta' dak li Alla jrid. Għax Alla jitkellem u juri qalbu bis-sinjali. Il-kuntest tal-ubbidjenza huwa wieħed ta' fidi. Hija l-fidi li tmexxina fit-tiftix u fl-aċċettazzjoni u t-twettiq tar-rieda t'Alla għalina: fidi li tissejjes fuq is-sinjali li jingħarfu bl-għajnejn imdawlin minn fuq.

Jista' jagħti l-każ li jkun hemm konflitt bejn l-awtorità u min hu taħtha. Jista' jkun li dan/din ma jkunx jista' fil-kuxjenza jimxi fuq id-deċiżjoni tas-superjur. Il-kuxjenza hija suprema, bħala norma tal-aġir. Minn naħa għandna d-deċiżjoni tal-awtorità: sinjal tar-rieda t'Alla; min-naħa l-oħra, Alla jrid li l-individwu joqgħod u jimxi, fl-aħħar mill-aħħar, skont il-kuxjenza tiegħu. F'dan il-konflitt tal-kuxjenzi, ir-rispett u l-istima reċiproka huma valuri neċessarji, mitluba mill-imħabba tal-aħwa, bint ewlenija tal-imħabba t'Alla, is-sies u l-għan tal-ħajja Nisranija.

> "*Alla jitkellem u juri qalbu bis-sinjali*"


RADJU MARIJA

Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet! Kun af bil-proġetti ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.

Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.





BIBBJA Mons. Lawrence Sciberras (L-ewwel parti)

# IS-SULTAN GĦANI Salamun



Ktibna u wassalna bosta tagħrif dwar is-Sultan David u l-profeziji marbutin miegħu f'seba' ħarġiet ta' *Dawl Franġiskan*. Naturalment issa jmiss li naqbdu u nwasslu tagħrif dwar is-Sultan Salamun, iben David mill-mara ta' Urija (Mt. 1, 6). Salamun jiġi t-tielet sultan ta' Iżrael wara Sawl u David. Salamun huwa persunaġġ ieħor kontroversjali ħafna, għaliex f'ħajtu għandu ħafna u ħafna dellijiet differenti. Imma l-paġni tal-Iskrittura hekk huma mimlijin. Dan xejn ma għandu jaħsadna, għaliex kif soltu ngħidu, Alla jikteb dritt fuq linji mgħawġin. Isem dan is-sultan jidher għal mitejn u sitta u sittin darba u disgħa minnhom qegħdin ukoll fit-Testment il-Ġdid. Is-snin li matulhom Salamun ħaddem is-saltna kienu s-snin 971 sa 930. Ħalli għalhekk issa naraw il-missjoni li kien hemm lesta għalih.

Barra l-frekwenza ta' isem Salamun, ngħidu wkoll li huwa dam isaltan għal erbgħin sena. Dan il-bniedem dejjem kien jixtieq u ħadem biex fis-saltna tiegħu jkun hemm il-paċi. Ismu stess ifisser hekk – Salamun, 'sliem', *shalom*. It-tieni isem tiegħu kien Ġededija, minħabba l-Mulej (2 Sam. 12, 25). Għamel hekk bi ħsieb, biex ikun jista' jiddedika aktar enerġija fil-bini kbir u imponenti tas-saltna. Hawn biżżejjed infakkru fl-ewwel tempju.

### Ħaddem id-diplomazija

Interessanti ħafna li wieħed ikun jaf kemm il-bidu ta' Salamun biex isir flok missieru David u hekk jieħu s-saltna ta' Iżrael kollu f'idejh kien wieħed inċert għall-aħħar. Għedt 'Iżrael kollu' għaliex fi żmienu l-pajjiż kien għadu ma nqasamx fi tnejn. Din id-diżgrazzja mbagħad saret taħt ibnu Reħobogħam, iben tassew bla għaqal, iben li sema' aktar mill-pariri li tawh iż-żgħażagħ ta' madwaru milli x-xjuħ mgħobbijin bl-esperjenza. It-taħbit biex Salamun isir sultan ġara waqt li David kien xiħ sewwa, anzi kien qiegħed fuq is-sodda tal-mewt tiegħu (1 Slat. 1, 1-3). Kien hemm taqbida ħarxa tassew bejn Salamun u ħuh Adonija. Iżda billi din kienet ix-xewqa espressa tas-Sultan David, "Sadok il-qassis ħa l-qarn taż-żejt mit-tabernaklu u dilek lil Salamun" (1 Slat. 1, 39). Żewġ personaġġi biex din il-biċċa tispiċċa favur Salamun kienu ommu Batseba u l-profeta Natan. Dan il-profeta kellu jħaddem tattika fina ħafna sakemm wasal biex ipperswada lil David u għaraf lil Salamun bħala s-sultan veru u leġittimu.

Fost il-bosta karizmi li bihom kien mogħni s-sultan kien hemm ukoll dik tal-għerf. Biss, ngħidu mill-ewwel li dan kien ġej direttament minn Alla. Dan insibuh ippruvat fil-Bibbja stess, għaliex ftit wara li Salamun laħaq

sultan kellu ħolma li matulha Alla kellem lil Salamun, fejn qallu biex jitolbu xi ħaġa. U Salamun wieġbu: "Agħti, għalhekk, lill-qaddej tiegħek moħħ ħafif biex jifhem, biex jista' jmexxi l-poplu tiegħek, u jagħraf it-tajjeb mill-ħażin; għax inkella min jasal biex imexxih, dan il-poplu tiegħek ta' kotra hekk kbira?" (1 Slat. 3, 9).

Din ix-xewqa sinciera u genwina ta' Salamun Alla tahielu. Ara kif wieġeb il-Mulej lis-Sultan Salamun: "Ladarba tlabt din il-ħaġa, u ma tlabtx għomor twil, jew għana, jew il-ħajja tal-għedewwa tiegħek... qed nagħtik moħħ għaref u għaqli, hekk li ħadd qablek ma kien hawn bħalek, u anqas warajk ma jkun hawn" (1 Slat. 3, 12). Veru li hawn tidher forma ta' esaġerazzjoni, waħda mill-figuri li hemm fil-Bibbja (eżempju, it-tfal ta' Abraham se jkunu fin-numru daqs il-kwiekeb u r-ramel.) Imma jibqa' fatt li dan il-għerf u l-għaqal dehru ħafna, almenu matul l-ewwel parti tal-ħajja ta' Salamun.

Dan il-għerf kien jikkonsisti filli hu jagħraf il-liġi ta' Alla u l-ordni li hemm fid-dinja, biex imbagħad jimxi u jaġixxi skont dan kollu. F'Salamun kompla jidher billi jagħraf kif imexxi bil-għaqal, jintebaħ sew bis-sigrieti tal-univers u jipprattika flimkien ma' nazzjonijiet oħra l-qsim ta' rigali u ġid ieħor, naturalment meta ma hemmx xi gwerra.



POEŻIJA Fr Richard Bonnici OFMCap

# Mat-Tbissima!

Meta tbissmet it-tarbija
Siket il-baħar imqalleb!
Waqaf l-għajjat tal-imqarqċa,
Għosfor il-ħars bl-ikrah,
tal-ħniena!

... U reġgħet, tbissmet...
Iżda hija ma tafx għaliex...
Għax ħiemed il-baħar inkurlat;
Intemm l-għajjat tas-setgħana;
Għeb il-ħars ikrah,
tal-ħatjin!

... U mill-ġdid tbissmet
fis-skiet,
tas-sliem
ta' qalbha
safja... bla ħtija!





PASTORALI TAS-SAHHA Patri Mario Attard OFM Cap

# Father

## Ħa nibda l-kimo!

Inkun qiegħed nitħaddet magħha jew miegħu. Id-diskors idur bħaċ-ċirasa. L-ewwel nitħaddtu fuq ħaġa, imbagħad fuq oħra. Problemi. Waħda wara l-oħra!

Nibdew nitħaddtu fuq il-familja. Ir-raġel! Eħħ! M'hemmx li jinbidel! Mastru Gerger! Ma jagħmel xejn. Xogħlu biss xogħol. Jiġi mix-xogħol u jinxteħet fuq is-sufan. Miskin sufan! Ġabu ragħad! Kważi kważi… sfrundah! Trid tqabbiżhielu? Għidlu biex jagħmel xi ħaġa fid-dar!

"Ha tibda hi! Lanqas naqra ħin kwiet ma tħallini noqgħod! Mela jien ilsir? Ma naħdimx? Ma nġibx il-pappa lejn id-dar?" Jibda l-paroli. Muntanja ta' paroli. Kelma ġġib oħra. U l-patri jisma'. U jisma'… L-ewwel tibda ħierġa r-rabja. Rabja pjuttost biċċiera. "Mhux sewwa, Patri! Jiena d-dar m'iniex l-ilsira!" Kollox sew, oħt! Ħadd mhu. Lanqas il-patri f'kunvent. Aħseb u ara int! Naf. Iż-żwieġ mhuwiex ħakma ta' parti fuq oħra. Mhux għalhekk żwieġ? Għaliex jimxu t-tnejn id f'id! Id taħsel id u t-tnejn jaħslu l-wiċċ! Mela l-problema mhijiex ir-raġel!

"Jaħasra, Patri! Itlobli għat-tifel! Nitolbok. Ma jridx imurli quddies. Tajnieh li ried!" Ċuples! Dik veru problema! "Imma hemm, ara x'ħadna! Ħlief tbaqbiq u inkwiet ma ħadniex! Inkullali ruħu mal-kompjuter. Ma jridx jaf. Tih jitħaddet ma' ħbiebu *online* u tagħtih xejn aktar. Kemm ħallasnielu flus, jaħasra! Bgħatnieh fl-aqwa skejjel. Skejjel tal-Knisja. Għal ġieħ wiċċna! Imma xi swielna? Xorta tbiegħed." "Jiddispjaċini, oħt," inwieġeb jien. "Ejja ħa nitolbu għalih!"

Bdejna nitolbu għalih. Il-ħarsa inkwetanti tagħha issa bdiet tinbidel. U nbidlet b'mod drastiku għall-aħħar! Saret ħarsa miksura. Id-dmugħ issa beda jifforma f'għajnejha. "Kemm tħobb lil binha!" għedt bejni u bejn ruħi. Niftiehmu! Mhux kull omm, dgħajfa kemm hi dgħajfa, tipprova tagħti l-aħjar lil uliedha? Imma hawn l-istorja kienet differenti. Mhux l-għaliex lil binha ma tridlux ġid. Dażgur li tridlu l-ġid! Li fetħet qalbha ma' saċerdot mhux diġà ħaġa kbira? Imma l-ġerħa kienet aktar profonda minn hekk.

"Patri! Ħa nibda l-kimo!" Meta smajtha tgħid hekk inħsadt. Il-qatgħa li ħadt kienet kbira. Possibbli mara fl-aqwa snin ta' ħajjitha, fejn tista' aktar tgawdi lil żewġha u lil uliedha, kellha tibda tielgħa t-telgħa tal-Kalvarju? Iva, ħbieb. Din ir-realtà! Minn tant persuni, familji u nisa, kien imissha lilha. Li tibda tielgħa t-telgħa li llum, b'xorti ħażina, ħafna bdew jitilgħuha magħha.

Infaqgħet tibki. Ma felħitx iżżommha aktar. Tagħtiha xi tort? Min jaf kemm oħrajn li bdew telgħin din it-telgħa bit-tama li jfiqu waqfu f'nofsha? It-trattament għejjiehom. Ma felħux iġorru aktar. Wara għadd ta' waqgħat qalbhom ċediet. Min jaf il-baħar ta' ħsibijiet kiefra li bdew għaddejjin minn rasha? Huwa jekk jiġrilha xi ħaġa hi għandha x'titlef! Għandha l-maħbub żewġha! U lil binha! Li min jaf kemm investiet fih! Mhux biss fi flus. Fil-ħin. Tatu ħajjitha stess!

Quddiem dan it-tkissir u t-tifrik tentazzjoni waħda għandha. Li taqta' qalbha mill-ħajja. Li tibda tqis ruħha telliefa. U tajba biss għal taħt it-trab. Li ċċedi l-armi u tħalli l-marda ġġorrha magħha. Kollox sew, Patri! Agħtiha soluzzjoni x'tagħmel! Isa! Ħa naraw biex ħiereġ! U s-soluzzjoni tajthielha. Ma kinitx waħda li ġiet mis-sħab. Mis-sħab tas-sħab tieħu! Mhux hekk kienu jgħallmuna? Tajthielha minn ħajti stess. Mir-riżors li għandi meta d-dijanjożi wriet li jiena wkoll marid. Meta l-mediċina wriet li l-mudullun tiegħi għandu difett tant serju li jekk ma niħux il-mediċina jiena wkoll immur ma' missirijieti fit-trab tal-art.

Għedtilha biex tgħix jum b'jum. Tieħu l-aħjar ta' kull waqt. Tiċċelebra fejn tista' tiċċelebra. Tiggosta fejn tista' tiggosta. Għedtilha li minn mindu mradt jiena wkoll bdejt nara l-ħajja differenti. Bdejt napprezza kull esperjenza li ngħaddi minnha. Bdejt nintebaħ li l-ħajja hija rigal. Rigal wara l-ieħor. In-nies. It-talenti. L-esperjenzi. Il-postijiet. Ir-riflessjonijiet. Sakemm wasalt fl-aqwa rigal. Il-Mulej!

Għedtilha li l-mard ġagħalni niftaħ qalbi mal-Mulej bi kliem is-Salm 23: "Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni... Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi. Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek, huma jwennsuni." (Salm 23, 1. 4).

Jekk irnexxilix nikkonvinċiha, dak ma nistax ngħidu. Li naf żgur hu li l-għafsa li għafsitli idi u t-tbissima li dehret tilma fuq wiċċha tawni x'nifhem li x-xemx ħanina ta' Alla iddiet għaliha wkoll. Almenu f'qalbha l-biża' beda jintrass biex ħdejh tpoġġi... it-tama...



# Tatu ħajjitha stess!



FRANĠISKANIŻMU Fr Ivan Scicluna OFMCap

# TGĦID SAN FRANĠISK ĠIE INFLUWENZAT mill-Musulmani?



Fil-ħarġa ta' April li għadda wieħed jista' jsib introduzzjoni għat-talba magħrufa bħala t-*Tifħir lil Alla l-Għoli*, li hija talba awtentika ta' San Franġisk t'Assisi u li, kif diġà rajna, tista' tinqasam fi tliet partijiet. Fl-artiklu li ġej se niflu dettalji interessanti li jinsabu fl-ewwel parti ta' din il-litanija Franġiskana. Infakkar li l-kliem tal-ewwel parti tat-talba huwa dan li ġej:

> I. Int qaddis, Mulej, waħdek Alla, li tagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb. Int qawwi. Int kbir. Int l-aktar għoli. Int Sultan li tista' kollox. Int Missier Qaddis, Sultan tas-sema u tal-art. Int Mulej, Alla wieħed fi tliet persuni. *Int tjieba, kull tjieba, fuq kull tjieba, Mulej Alla, ħaj u veru.*

Qabelxejn xtaqt naqsam osservazzjoni li minn mindu ġejt f'kuntatt ma' din it-talba ta' San Franġisk ma waqfet qatt iddur fil-kurituri ta' moħħi. Nafu li San Franġisk kellu diversi għejun li jispirawh fit-talb tiegħu: (i) l-ikoni, bħal dik tal-Kurċifiss ta' San Damjan; (ii) il-Kelma ta' Alla, li wara li kien jismagħha kien ifittex li jgħixha kif inhi, *sine glossa*; (iii) il-ħolqien, li fih kien jilmaħ it-traċċi tal-ġmiel tal-Ħallieq; u (iv) is-Salib tal-Mulej, li quddiemu kien jikkommovi ruħu meta jiftakar f'"dik l-imħabba tal-għaġeb" li ġiegħlet lill-Iben ta' Alla jsofri "passjoni hekk kbira għalina midinbin". It-*Tifħir lil Alla l-Għoli* donnu jikxef sors ieħor li seta' influwenza l-istil ta' talb tal-qaddis fl-aħħar fażi ta' ħajtu.

F'Ġunju tal-1219 Franġisku telaq lejn il-Lvant u waqaf Damiata, l-Eġittu, fejn kien hemm il-ħames kruċjata qed tħejji biex tattakka lill-Musulmani tal-post. Hemmhekk Franġisku ltaqa' mas-Sultan tal-Eġittu, Malik-al-Kamil. Il-Musulmani għandhom bħal kuruna ta' talb li jsejħulha *subha*. Interessanti li kull *subha* fiha 33 żibġa, jew 99 żibġa maqsumin fi tliet gruppi ta' 33 kull wieħed. Meta jitlob b'din il-kuruna, il-Musulman jgħaddi subgħajh minn żibġa għal oħra waqt li jlissen wieħed mid-99 isem jew attribut ta' Allah li jinsabu fil-Qur'an (eż. **Al-Quddos** – *Il-Qaddis*; **Al-Qawwiyy** – *Il-Qawwi*; **Al-Kabeer** – *Il-Kbir*; **Al-'Aliyy** – *L-Aktar Għoli* eċċ.). Żgur li kemm dam fost il-Musulmani San Franġisk ġie f'kuntatt ma' dan il-mod ta' talb. Mhux biss, imma l-fatt li t-*Tifħir lil Alla l-Għoli* huwa litanija ta' 33 isem jew attribut ta' Alla jġegħelna nistaqsu jekk San Franġisk setax influwenza ruħu mis-*subha* tal-Musulmani u saħansitra adotta l-istess forma ta' talb biex ifaħħar, iżda, lil Alla Trinità. Nieħu gost nistħajjel li dan id-dettall mhuwiex 'il bogħod mill-verità! Jekk inhu hekk, Franġisku jsir xempju ta' djalogu interreliġjuż: waqt li baqa' jgħożż il-fidi f'Alla Trinità, wera atteġġjament ta' ftuħ lejn persuni li jħaddnu twemmin ieħor, u saħansitra rieda li jitgħallem mit-tajjeb tagħhom.

F'kuntrast mal-kumplament tal-versi tat-*Tifħir*, li lkoll jitkellmu dwar 'min hu' Alla, l-ewwel vers ta' din il-litanija Franġiskana huwa l-uniku mument fejn San Franġisk jagħmel referenza għall-'għemejjel' ta' Alla: "Int qaddis, Mulej, waħdek Alla, **li tagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb**". Hawnhekk għandna bħal donnu eku ta' kif jiftaħ il-kantiku ta'

Marija, il-*Magnificat*, fejn Omm il-Mulej ukoll tfaħħar lil Alla għal dak kollu li għamel magħha: "Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu" (Lq. 1, 49). Fil-Ktieb tas-Salmi, imbagħad, għandna s-salmi storiċi (eż. Salm 73, 107, 114 u 136) fejn naraw is-salmista jħares lura u jfaħħar lil Alla huwa u jiftakar f'dak li Jahweh għamel mal-poplu tiegħu, kif "darab l-Eġizzjani fi wliedhom il-kbar... u ħareġ lil Iżrael minn ġo nofshom... feraq fi tnejn il-Baħar tal-Qasab... mexxa fid-deżert lill-poplu tiegħu..." (Salm 136, 10a.11a.13a.16a).



*Subha*

Għall-poplu ta' Iżrael, Alla hu Dak li jitkellem mhux biss fit-tempju, fit-talb, fil-proxxmu, imma wkoll fl-istorja. Iżda mhux l-ewwel darba li l-poplu Lhudi kien jinsa din il-verità! Mhux ta' b'xejn li s-salmista jilmenta u jgħid: "Insew l-għemejjel tiegħu u l-għeġubijiet li kien uriehom: l-għeġubijiet li għamel quddiem missirijiethom f'art l-Eġittu, fir-raba' ta' Sogħan." (Salm 78, 11-12). U biex ma jkomplux jinsew, is-salmista mhux darba u tnejn iwiddeb lil Iżrael biex 'jiftakar' (bil-Lhudi זָכַר zakar) fl-għemejjel ta' Alla fil-passat u 'ma jinsiex il-ġid kollu li għamel miegħu' (Salm 103, 2). Skont Ġwann Kassjanu, monaku għaref li għex fis-seklu erbgħa, 'meta nfakkru l-għemejjel tal-Mulej inkunu nfaħħruh'. Hekk Kassjanu jikxef ir-rabta intrinsika bejn it-tifkira tal-għemejjel ta' Alla f'ħajjitna u t-tifħir.



Għalkemm fit-*Tifħir lil Alla l-Għoli* San Franġisk jiddedika vers wieħed biss biex ifakkar l-għemejjel ta' Alla, fit-testment tiegħu, li aktarx iddettah fl-aħħar ġranet ta' ħajtu meta kien fil-Porziuncola, Franġisku bħal donnu jlaħħam dan il-vers billi jagħtina lista sistematika, kważi kronoloġika, tal-grazzji li Alla tah matul ħajtu, fosthom: il-grazzja li jibda jagħmel penitenza billi jgħix mal-lebbrużi; il-fidi fil-Knisja, fis-saċerdoti u fil-Kelma ta' Alla; id-don tal-aħwa; l-approvazzjoni papali tal-istil ta' ħajja evanġelika li xtaq jgħix. Hekk, fl-aħħar ta' ħajtu, San Franġisk kien kapaċi jilmaħ il-bizzilla li Alla kien niseġ b'tant ħila u perfezzjoni matul ħajtu.

Dan jista' jservi ta' ispirazzjoni għall-ħajja tat-talb tagħna. Jista' jkun li nħossu li l-passat tagħna huwa frammentat jew li hemm ġrajjiet li nippreferu ma naffaċċjawx biex ma nifthux feriti. Imma jekk, bħal San Franġisk, inħarsu lejn dak li għaddejna minnu bl-għajnejn tal-fidi, kapaċi nibdew nilmħu dak il-fil tad-deheb li jgħaqqad flimkien il-biċċiet kollha tal-*puzzle*, li hi ħajjitna. Biss imbagħad nibdew nintebħu bil-verità li hemm fil-qawl Ingliż li jgħid:

***'God writes straight on the crooked lines of our histories.'***

**Referenza**

*Il-Fjuretti ta' San Franġisk t'Assisi*, Kap. LIII.

MISSJONI Fr Philip Cutajar OFMCap



## Il-Papa Franġisku:

# Rigal għad-Dinja kollha

L-isqfijiet ta' kull pajjiż jiffurmaw flimkien il-Konferenza Episkopali ta' dak il-pajjiż. Kull Konferenza Episkopali normalment ikollha laqgħa mal-Papa kull ħames snin. Il-Konferenza Episkopali tal-Kenja kienet ilha diġà seba' snin li ltaqgħet mal-Papa, u allura lkoll konna ħerqanin nistennew dan l-avveniment. Fl-aħħar irċevejna l-aħbar li kien se jkollna din iż-żjara, li jgħidulha *Ad Limina*, bejn it-13 u s-17 ta' April 2015.

Minn naħa waħda konna ħerqanin għal din il-viżta, iżda min-naħa l-oħra, għall-Isqof Pawlu Darmanin u għalija din iż-żjara ħabtet fi żmien ħażin ħafna. Għal din il-viżta kellna nitilqu minn Garissa l-għada tal-Għid il-Kbir, sabiex inkunu Ruma wara waqfa ta' jumejn Malta. L-Isqof Darmanin u jiena konna nippreferu nibqgħu Garissa wara l-massakru li seħħ f'Ħamis ix-Xirka, biex inkunu ta' sapport għall-*Fathers*, għas-*Sisters* u għall-Insara ta' Garissa. Ippruvajna nispjegaw lin-nies dwar l-importanza ta' din iż-żjara, u li konna se nitilqu mhux biex naħarbu mill-periklu iżda minħabba d-dover li għandna li nagħtu relazzjoni tad-djoċesi ta' Garissa lill-Papa.

Matul il-ħamest ijiem li għamilna Ruma kellna l-opportunità li niltaqgħu mal-Papa darbtejn: darba waqt l-udjenza ġenerali fi Pjazza San Pietru, l-Erbgħa filgħodu, u l-oħra l-Ħamis meta kellna udjenza privata mal-Papa, is-27 isqof tal-Kenja, inklużi t-tliet isqfijiet Kapuċċini Maltin, Mons. Pawlu Darmanin, Mons. Emanuel Barbara u jiena.





Matul l-udjenza privata l-Papa beda billi tana merħba u stedinna nitkellmu aktar aħna milli hu, biex nuruh is-sitwazzjoni tal-Knisja fil-Kenja u l-isfidi li qiegħda tħabbat wiċċha magħhom.

Matul id-diskussjoni ħarġu punti interessanti li l-Papa kompla ħeġġiġna naħdmu fuqhom. Il-Papa qalilna li bħala Knisja fil-Kenja għandna għax nirringrazzjaw lil Alla ta' tant vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi fil-Kenja. Heġġiġna biex inkomplu nieħdu ħsieb il-formazzjoni tas-seminaristi u l-kandidati għall-ħajja konsagrata, inħobbu lis-saċerdoti bħala l-idejn tagħna li jaslu f'ħafna rkejjen tal-parroċċi, u nkunu viċin tar-reliġjużi, speċjalment f'din is-sena dedikata lill-ħajja konsagrata.

Messaġġ għalina l-isqfijiet kien li rridu nkunu ragħajja u missirijiet fuq l-eżempju ta' Kristu, li kien jieħu gost fil-kumpanija kemm tal-appostli kif ukoll tan-nies.

Il-Papa apprezza l-ħafna xogħol li jitwettaq fis-skiet minn tant saċerdoti, reliġjużi u lajċi fl-istituzzjonijiet tal-Knisja, bħalma huma l-iskejjel, l-universitajiet, l-isptarijiet, il-*clinics*, id-djar għall-anzjani, id-djar għal dawk bi bżonnijiet speċjali, id-djar tat-tfal orfni u oħrajn.

Ma setax jonqos li d-diskors ma jaqax fuq is-sitwazzjoni preżenti li l-Kenja qed tiffaċċja quddiem it-theddida tat-terroriżmu u tal-fundamentaliżmu Iżlamiku. Għamel riferenza diretta għall-massakru li seħħ fl-università f'Garissa f'Ħamis ix-Xirka. Qalilna li quddiem din il-mewġa ta' terroriżmu rridu nkomplu nwasslu l-messaġġ evanġeliku ta' maħfra, rikonċiljazzjoni u paċi. Qalilna li hija responsabbiltà tagħna li quddiem dak li qed iseħħ quddiem għajnejna ma nibqgħux b'idejna marbuta kompliċi fis-silenzju tagħna, iżda għandna nsusu wara l-awtoritajiet ċivili biex jaraw li ċ-ċittadini kollha jkun mħarsa.

L-aħħar żewġ punti li semma kienu fuq il-ħtieġa ta' kura pastorali lill-familji bi tħejjija għas-sinodu ta' Ottubru, u talabna nħejju lilna nfusna u lill-poplu tagħna għall-Ġublew tas-sena d-dieħla fuq il-ħniena, biex ikun żmien ta' maħfra, fejqan, konverżjoni u grazzja għall-Knisja kollha fil-Kenja.

Minbarra l-laqgħat mal-Papa kellna l-okkażjoni li nżuru diversi uffiċċji (dekasteri) tal-Kurja Rumana, fejn dejjem issemma l-massakru fl-università ta' Garissa.

Matul dawk il-ħamest ijiem, l-Isqof Pawlu Darmanin u jiena ġejna avviċinati minn ħafna membri tal-*media* biex nikkummentaw fuq dak li ġara f'Garissa. Kienet okkażjoni fejn stajna nagħtu stampa reali ta' dak li għaddew u għadhom għaddejjin minnu l-Insara fid-djoċesi ta' Garissa.

Għalija personalment il-laqgħa mal-Papa kienet u tibqa' ta' ispirazzjoni qawwija ħafna fil-ministeru pastorali tiegħi bħala isqof. Rajt fil-Papa bniedem umli, missier li jaf jisma' u jaqsam il-ferħ u n-niket ta' dak li jkun quddiemu. Il-mod kif iżommlok dirgħajk jurik kemm hu viċin tiegħek u qed iħoss miegħek. Fih stajt nara u nħoss l-ispirtu Franġiskan ta' sempliċità, umiltà, ftit kliem iżda meqjus, ħafna kompassjoni fit-tbatija u sens ta' ġustizzja mal-batut.

Nirringrazzja lil Alla li tani l-opportunità li niltaqa' mal-Papa, li hu rigal kbir mhux biss għall-Knisja Kattolika iżda għad-dinja kollha.



KNISJA HAJJA: HIDMA U AĦBARIJIET Fr Silvestru Bonavia OFMCap

# Enċiklika b'valur kbir **teoloġiku, ekumeniku, spiritwali u soċjali**

Waqt li qed ngħid il-Liturġija tas-Sigħat illum il-Ġimgħa, fil-Għasar hemm strofa mill-isbaħ:

> "Rodd, Mulej, is-sliem tal-bidu
> lil din l-art li tajtna naħdmu;
> jerġa' jidher fiha l-ordni
> li ridt int fil-pjan ta' għerfek."

Din hija waħda mit-talbiet għal ambjent aħjar li nsibu fil-liturġija. Il-Kantiku tat-Tliet Żgħażagħ li ngħidu f'xi Ħdud u festi jistedinna biex infaħħru lill-Ħallieq għal dak kollu li tana. Dan il-kantiku ispira wkoll lil missierna San Franġisk biex ikanta l-***Kantiku tal-Ħolqien***, li mill-ewwel żewġ kelmiet tiegħu, "***Laudato si'***", il-Papa ħa l-isem tal-enċiklika ġdida tiegħu dwar l-ekoloġija u l-ambjent, li titkellem fuq "il-kura tad-dar komuni" tagħna lkoll.

Din l-enċiklika trid tiġbed l-attenzjoni tal-bniedem tal-lum għal dan. Hekk, aħna li rċivejna "dal-ħolqien sabiħ" minn idejn il-Ħallieq permezz ta' dawk ta' qabilna, inkunu nistgħu ngħadduh **aħjar** lil ta' warajna. Dan minkejja li ġa wettaqna ħafna ħsara lil din darna komuni.



OFF DUTY
Guilt-Free Summer Drinks

THE WALL STREET JOURNAL.

Pope Takes Firm Stand On Climate

Pope Links Environmental Damage to Human Activity

Il-kummenti għall-enċiklika tal-Papa huma ħafna, u għad jiżdiedu. Imma min irid tassew iqiegħed idejh fuq il-kuxjenza jaf li l-messaġġ tal-Papa huwa dirett, ċar, bla ebda ambigwità, li jħares fuq kollox lejn il-fqar li huma dawk li l-anqas għamlu jew jagħmlu ħsara lil din l-art u l-ħolqien madwarha.

Wieħed mill-isbaħ kummenti li sar ftit sigħat biss wara li ġiet imxandra l-enċiklika kien dak tal-*Wall Street Journal*, wieħed mill-ikbar ġurnali influwenti fid-dinja. Dan huwa aktar ikkwotat minħabba l-aħbarijiet finanzjarji, li minnu jiddependu l-valuri tal-muniti li nużaw u n-negozji l-kbar li jsiru fid-dinja li jinfluwenzaw ħajjitna. Il-*headline* ta' dan il-ġurnal kien "Il-Papa jieħu pożizzjoni soda fuq il-kwistjoni tal-klima". Fost kliem ieħor ifaħħar il-pass li ħa l-Papa li permezz ta' din l-enċiklika jgħaqqad in-niżla 'l isfel fl-ambjent man-niżla kulturali, politika u soċjali. Din mhix kwistjoni iżolata; tolqot lil kull bniedem, kif itenni l-Papa: ***"Billi l-ħlejjaq kollha huma mxierka bejniethom, kull waħda minnhom għandha valur li għandu jiġi rikonoxxut b'rispett u ammirazzjoni, għax aħna, il-ħlejjaq kollha ħajjin, għandna bżonn ta' xulxin. Kull territorju għandu responsabbiltà fl-għożża ta' din il-familja..."*** (par. 42).

Mhix ħaġa ħafifa f'dawn iż-żewġ paġni titkellem fuq is-sbuħija tat-tagħlim u l-messaġġ li l-Papa Franġisku jrid iwassal lil kull bniedem ta' rieda tajba. Biżżejjed did-darba nħarsu ftit lejn l-appell ħerqan li l-Papa jagħmel fil-bidu stess tal-enċiklika (par. 13-16). Hawn il-Papa mill-ewwel juri l-ottimiżmu tiegħu li quddiem din l-isfida kbira, jekk ngħaqqdu l-ħiliet kollha flimkien tax-xjenza, tal-politika, u kull min għandu rieda tajba, nistgħu nbiddlu r-rotta

għall-aħjar (13). Il-Papa jrodd ħajr lil dawk kollha li jagħtu sehemhom għal dan l-iskop, l-aktar lil dawk li biex iwettqu dan jaħsbu fil-fqar u dawk imwarrbin.

Imbagħad il-Papa Franġisku jħeġġeġ għal djalogu sinċier f'dan il-qasam u jitlob li titwarrab kull indifferenza jew negazzjoni dwar din il-problema kbira, anke u fuq kollox fost dawk li jemmnu (14). Ħsieb li jippreokkupa ħafna 'l-Papa Franġisku – u li għandu jagħmel l-istess lilna lkoll, l-aktar bħala Franġiskani – huwa l-fqar; dan jirrepeti ruħu, b'ħafna modi differenti, tul l-enċiklika kollha.

Il-Papa jtemm l-appell tiegħu hekk: ***"Nittama li din l-ittra enċiklika, li qed tiżdied mal-Maġisteru soċjali tal-Knisja, tgħinna nagħrfu l-kobor, l-urġenza u l-ġmiel tal-isfida li għandna quddiemna."*** (15).

Illum nixtieq inwasslilkom kumment ieħor sabiħ dwar l-enċiklika. Is-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, Ban Ki-moon, xahar qabel ħarġet l-enċiklika kien qed jieħu sehem f'seminar imniedi mill-Akkademja Vatikana tax-Xjenzi fuq l-ambjent. Qabel beda s-seminar Ban Ki-moon kellu laqgħa mal-Papa, u immedjatament wara qal:

"Jiena u l-Papa Franġisku għadna kemm tkellimna dwar diversi suġġetti li jistgħu jagħtu frott. Infaħħar 'il-Qdusija Tiegħu u l-mexxejja kollha tal-fidi u x-xjenza li hawn illum, talli jqajmu kuxjenza dwar il-ħtieġa urġenti li jġibu 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli u jindirizzaw il-klima... Ix-xjenza u r-reliġjon mhumiex fi ġlieda mal-bdil fil-klima. Fis-sewwa huma jaħdmu flimkien. Bħalma qal il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku: 'Jeħtiġilna naraw bil-għajnejn tal-fidi... ir-rabta bejn l-ambjent naturali u d-dinjità tal-persuna umana...' Il-Papa Franġisku huwa wieħed mill-vuċijiet morali bl-akbar ħeġġa qawwija fost il-mexxejja tad-dinja, u jien infaħħar it-tmexxija tiegħu."

Ban Ki-moon temm jgħid li l-enċiklika flimkien maż-żjara tal-Papa f'Settembru li ġej fil-Ġnus Magħquda, flimkien ma' laqgħat oħra internazzjonali li ser isiru f'dawn ix-xhur li ġejjin, ser jagħtu sehem qawwi biex "infasslu futur aktar sostenibbli u ħajja ta' dinjità għal kulħadd".

**Enċiklika b'valur kbir ekumeniku**

Flimkien ma' dan kollu, din l-enċiklika għandha valur kbir ekumeniku. Jingħad li l-Papa Franġisku kien ġa tkellem mal-Patrijarka Ortodoss Bartolomeo I ta' Istanbul sa mill-bidu nett tal-pontifikat tiegħu fuq dan il-ħsieb. Fit-tnedija tal-enċiklika l-ġdida, nhar it-18 ta' Ġunju, l-Arċisqof Metropolita John (Zizioulas) ta' Pergamon, rappreżentant ta' Bartolomeo I, stqarr, fost affarijiet oħra: "Illum ninsab hawn għat-tnedija tal-enċiklika *Laudato si'*; din hija ċirkustanza storika għalija li qiegħed hawn. Inwassal it-tislijiet tal-Patrijarka Bartolomeo u r-radd il-ħajr profond tal-Knisja Ortodossa. Il-Papa b'vuċi għolja semma' leħnu dwar dan is-suġġett. Din l-enċiklika għandha valur kbir teoloġiku, spiritwali u ekumeniku... Flimkien nistgħu nħarsu lejn il-problemi li qed tiffaċċja l-umanità."

Barra dan, il-Knisja Presbiterjana fl-Amerika stqarret li din l-enċiklika hija xhieda fidila u mimlija mħabba lejn il-ħolqien; hekk ukoll diversi konferenzi episkopali mad-dinja u knejjes oħrajn.

Imma issa jmiss lilna, kull wieħed u waħda minna, anke fl-ambjenti żgħar tagħna, nibdew mid-dar u fejn ngħixu, naħdmu, nieklu, nilagħbu biex nagħtu sehemna skont kif jitlob minna lkoll il-Papa Franġisku. Inxerrdu edukazzjoni, formazzjoni u kuxjenza favur l-ambjent u żvilupp tassew sostenibbli. Hekk aħna wkoll nistgħu ntennu, ma' missierna San Franġisk: "TKUN IMFAHHAR, Mulej, mill-ħolqien kollu..."





QADDISIN MUDELLI Philip E. Said (It-tieni parti)

# Il-Paternità ta' San Ġużepp

## Ġużeppi, Mudell tal-Missirijiet

Dawn l-episodji mill-ħajja ta' San Ġużepp huma biżżejjed biex juruna li fil-personalità ta' Ġużeppi hemm il-kwalitajiet ta' paternità awtentika. U meta nqiegħdu dan fil-perspettiva tal-Kelma rivelata tal-Vanġelu, naraw li hu ppreżentat bħala l-mudell għall-missirijiet. Il-paternità tfisser ukoll dawk il-kwalitajiet psikoloġiċi, morali u spiritwali bħala elementi essenzjali. Dawn jinkludu: (i) l-impenn sħiħ lejn martu bħala r-raġel legittimu tagħha; (ii) l-imħabba inkondizzjonata lejn martu; (iii) il-ġenerożità lejn l-ulied naturali ta' martu; u (iv) il-koperazzjoni tal-omm u l-missier fl-edukazzjoni tal-ulied u fl-attenzjoni kostanti tagħhom li jarawhom jikbru u jiżviluppaw spiritwalment. Li tkun missier, għalhekk, mhuwiex esklussivament li jkollok sehem fil-prokreazzjoni tal-ħajja umana, iżda prinċipalment li tikkollabora ma' martek fl-iżvilupp psikosoċjali u spiritwali tal-ulied fi ħdan il-familja. U dan hu preċiżament dak li nsibu f'Ġużeppi. Minħabba dawn il-virtujiet jew kwalitajiet, Ġużeppi huwa mudell jew prototip ta' dak li għandhom ikunu l-missirijiet. Il-Knisja tkompli żżejjen il-personalità paterna ta' San Ġużepp b'sitt virtujiet jew qawwiet li l-missirijiet għandhom jimitaw fil-qadi tar-rwol u r-responsabbiltà tagħhom, billi juru:

- sens ta' ġustizzja u rispett lejn l-oħrajn, mingħajr preġudizzji;
- attenzjoni għall-virtù tas-safa billi jifhmu xi tfisser is-sesswalità fil-ħajja miżżewġa;
- prudenza biex jagħrfu aħjar x'inhi r-rieda t'Alla għalihom;
- ħiliet ta' dixxerniment waqt it-talb biex jagħrfu d-direzzjoni ta' ħajjithom u l-pjanijiet ta' Alla għaliha;
- kuraġġ quddiem l-isfidi u d-diffikultajiet fl-istadji differenti tal-ħajja tal-familja;
- bilanċ bejn ir-raġuni u l-fidi biex jagħrfu l-ġrajjiet ta' ħajjithom fil-perspettiva tal-pjan ta' providenza, u jwieġbu għalih b'sens ta' ubbidjenza u lealtà;
- impenn għall-imħabba lejn marthom, b'sens ta' fedeltà lejn iż-żwieġ u ġenerożità lejn uliedhom – imħabba, fedeltà u ġenerożità li ma jegħjew qatt.

**Ħsieb tal-Aħħar**

Il-paternità ta' San Ġużepp hija l-istrument legali, soċjali u fuq kollox sopranaturali li bih l-Iben t'Alla jissejjaħ "Bin David" (Mt. 1, 20), "Ġesù" (Mt. 1, 25) u "Nazzarenu" (Mt. 2, 23). Hi paternità reali u umana, li tħobb u tindokra, li tipproteġi u teduka sal-aħħar. Hi paternità matrimonjali u verġinali fl-istess ħin, sa mill-ħin tal-għerusija. Fiha jsibu t-twettiq tagħhom il-profeziji fuq dak li kellu jkun il-Messija-Salvatur. Fiha jseħħ il-pjan tas-salvazzjoni tal-bniedem. Hi paternità distinta, iżda kollaboratriċi mal-paternità ta' Alla li aktar 'il quddiem Ġesù jindirizza bħala "Missieru".

Quddiem dawn l-argumenti bibliċi, legali u soċjali nara li jagħmel sens jekk it-test taż-żidiet fit-Talba Ewkaristika (2013) fuq ix-xewqa tal-Papa Franġisku: "... *Joseph eius Sponso...*" jiġu tradotti għall-Malti: "... Ġużeppi, ir-raġel tagħha..."

Nota:
Din il-kitba hi mibnija fuq l-ideat u l-argumenti tal-artikli li ġejjin:

1. John A. Hardon, S. J. *The Role and Responsibility of Fatherhood – St Joseph as Model*, The Real Presence Association, Archives Josephology, verżjoni *online*, 15/06/2014.
2. *Joseph, Father and Protector of Jesus*, Oblates of St Joseph, verżjoni *online* 15/06/2014








MILL-ISKOLA TA' PADRE PIO Fr Joe Buttigieg OFMCap

# Il-Kunventi Kapuċċini Mbierka bil-preżenza ta' San Patri Piju

# Gesualdo

### Frak mill-Istorja ta' Gesualdo

Fuq il-għolja li fuqha jiddomina kastell hemm Gesualdo. L-art ta' madwaru tagħmel minnu ċentru agrikolu msoqqi b'żewġ xmajjar. Giustiniano ddeskrivieha bħala "art li kapaċi tipproduċi dak kollu li huwa meħtieġ għall-ħajja". Il-frott u l-ħxejjex li l-art għammiela ta' Gesualdo taf tagħti huma magħrufa, u allura mfittxija, min-nies saħansitra 'l barra minnu.

Gesualdo huwa famuż ħafna wkoll għal tip ta' rħam, jixbah lill-alabastru, jagħti fl-isfar u b'vini jleqqu. Dan l-irħam wieħed jista' jsibu jżejjen lill-famuża Reggia di Caserta, il-palazz irjali ta' Portici, il-frontispizju tal-katidral ta' Avellino, il-fonti tal-magħmudija tal-katidral tal-istess Gesualdo u l-ħafna palazzi ta' dan il-post.

Kien il-Longobard Sissualdo, li fil-gwerra kontra l-Imperatur tal-Lvant, Kostant II, kiseb id-Dukat ta' Benevento fis-sena 660. Dan ifisser li f'dik is-sena kien hemm diġà bini ta' kastell jew fortifikazzjoni.



*Id-Dehra ta' Gesualdo*

L-isem ta' Sissualdo biż-żmien inbidel f'Gesualdo, minn fejn imbagħad ħa l-isem dan il-post. Hekk bdew id-dixxendenti tal-Gesualdi, li kienu s-sidien tat-territorju għal erba' mitt sena sakemm ġew miġjuba fix-xejn min-Normanni. In-Normanni kienu jżommu l-fewdu ta' Gesualdo (di Benevento) bħala l-fjur tagħhom. Kien fi żmienhom li laħaq il-milja tiegħu.

Wara żmien in-Normanni, Gesualdo għadda minn żmien fejn in-nies tiegħu kienu 'sabu l-Amerika', b'nobbiltà għanja. Drabi oħra tbaxxa u sofra l-ġuħ u l-miżerja. Imbagħad kien hemm iż-żmien tal-Gwerra l-Kbira, li ħasdet ġenerazzjoni sħiħa ta' żgħażagħ, id-dalma tal-Faxxiżmu u t-Tieni Gwerra mdemmija. Wara din, Gesualdo sofra l-emigrazzjoni ta' ħafna minn uliedu lejn l-Amerika Latina, l-iktar fl-Arġentina u l-Venezwela.

### Il-Kunvent Kapuċċin ta' Gesualdo

Il-kunvent Kapuċċin ta' Gesualdo jinsab fil-provinċja ċivili ta' Avellino, qrib dak l-ieħor ta' Montefusco. Għandu bħala benefattur ewlieni tiegħu lill-istess prinċep Don Carlo Gesualdo, li bħalma kien hu li ħallas għall-bini ta' dak ta' Montefusco, ħallas għal dan ukoll, kif ukoll għall-knisja li tmiss miegħu, kif turi lapida mal-faċċata tal-kunvent li ġġib id-data 1592. Dan il-kunvent ukoll l-ewwel kien tal-provinċja Kapuċċina ta' Napli. Kien ġie mkabbar fl-1629 mill-Prinċep Nicolò Ludovisi, werriet ta' Gesualdo minħabba fiż-żwieġ ma' Isabella.



*Il-kjostru tal-kunvent ta' Gesualdo*

Fis-sena 1866 safa' mitluq minħabba l-Liġi tas-Soppressjoni mill-gvern Taljan ta' dak iż-żmien. Imma fl-1905 ġie mogħti lura lill-Kapuċċini ta' Foggia fil-persuna ta' Padre Pio da Fragneto l'Abate, il-Ministru Provinċjal. Dan il-kunvent fetaħ il-bibien tiegħu biex reġa' laqa' lura fih il-patrijiet Kapuċċini fis-16 ta' Lulju 1906.

Diġà fl-1909 nsibuh bħala Dar tal-Formazzjoni għal dawk li kienu jistudjaw it-Teoloġija; infatti bejn Novembru u Diċembru ta' dik is-sena, dan il-kunvent laqa' fih lil Fra Piju minn Pietrelcina biex ikompli bl-istudji tiegħu fit-triq għas-saċerdozju.

Ukoll jekk Fra Pio minn Pietrelcina għadda żmien qasir ħafna fil-kunvent Kapuċċin ta' Gesualdo, xorta waħda huwa kunvent ieħor imbierek bil-preżenza tiegħu fil-mixja tiegħu lejn konsagrazzjoni sħiħa bħala Kapuċċin, kif ukoll bħala saċerdot fl-istess Ordni tal-Patrijiet Minuri Kapuċċini.

Mir-reġistri jirriżulta li ż-żagħżugħ Kapuċċin kellu jkun ordnat saċerdot f'Gesualdo, imma minħabba li l-kundizzjoni ta' saħħtu ħżienet, kellu bilfors imur għand il-familja fi Pietrelcina biex jieħu l-arja li kellu bżonn.

Hawn ukoll, bħal kull fejn kien, ħalla marka li hekk kif telaq, wieħed minn sħabu tan-novizzjat, il-kompajżan Fra Giulio Guglielmo, stqarr: **"Fil-kunvent tagħna wieħed jista' jħoss vojt kbir... għexna nistennew u nittamaw li nerġgħu nkunu ferħana billi nħossu dejjem il-preżenza ta' Padre Pio."**

B'xhieda ta' din il-preżenza straordinarja ta' Fra Pio wieħed jista' jżur iċ-ċella fejn qagħad u mużew żgħir li jħares xi relikwi u xhieda tiegħu f'Gesualdo.

Għal tletin sena sħaħ (1926-1956) dan il-kunvent kien wieħed mis-seminarji serafiċi tal-provinċja ta' Foggia.

Fit-23 ta' Novembru 1980 sofra ħsarat kbar minħabba fit-terremot li kien għamel dakinhar. Ir-restawr li sar ressqu qrib ta' kif kien fil-bidu tiegħu mijiet ta' snin qabel.

Il-knisja li tmiss mal-kunvent kienet ġiet milquta mit-terremot u restawrata. Hija knisja ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja u għandha navata waħda fuq l-artal maġġur. Il-faċċata tal-knisja hija waħda sempliċi u awstera, bl-arma tal-Prinċep Carlo Gesualdo fuq il-bieb prinċipali.

Wieħed mill-kwadri ċelebri li wieħed isib f'din il-knisja huwa dak ta' Giovanni Balducci, imsejjaħ "Il perdono di Carlo Gesualdo", ikkommissjonat mill-istess prinċep biex ifisser it-taqbida minn ġewwa li kien għaddej minnha minħabba fil-qtil doppju li kien ordna kontra l-mara tiegħu u d-Duka d'Andria. Minbarra dan, il-knisja tgħożż kwadru u statwa tal-Madonna tal-Grazzja tas-sekli sittax u sbatax.

Dan il-post, sabiħ u sempliċi, illum huwa destinazzjoni ta' ħafna devoti u pellegrini li jaslu Gesualdo biex jagħmlu l-mixja ta' fidi u tama li għamlet lill-qaddis tal-pjagi ikona tal-ħajja Nisranija llum.



*Monument lil San Piju f'Gesualdo*



MISSJONI Mons. Joseph Alessandro OFMCap

# Il-'Martri' ta' Garissa

Hamis ix-Xirka huwa jum għażiż ħafna għall-Knisja kollha u b'mod partikulari għalina s-saċerdoti. Matul dan il-jum, filgħodu s-saċerdoti jingħaqdu madwar l-isqof tagħhom u jġeddu l-wegħdiet saċerdotali tagħhom u fl-istess ħin jassistu għat-tberik taż-żjut imqaddsa.

Hawn, fid-djoċesi ta' Garissa, dan il-jum jiġi ċċelebrat b'mod differenti peress li l-wegħdiet tas-saċerdoti f'idejn l-isqof u t-tberik taż-żjut isiru ġimgħat qabel, peress li mhux possibbli li s-saċerdoti kollha tad-djoċesi jiġu nhar Hamis ix-Xirka filgħodu u mbagħad jirritornaw filgħaxija biex jiċċelebraw flimkien mal-parruċċani tagħhom. Id-distanzi kbar li hawn ma jippermettux dan.

Minkejja din id-differenza, Hamis ix-Xirka ta' din is-sena kellu xi ħaġa oħra differenti. Dakinhar sbaħna filgħodu fil-5.30am bil-ħsejjes ta' tiri ta' armi tan-nar. Malajr ġriet l-aħbar li l-grupp terroristiku Al Shabaab attakka l-*campus* tal-università fejn kienu alloġġjati madwar 800 student. L-università hija qrib ta' fejn qegħdin aħna, tant li t-tiri, li komplew ukoll matul il-ġurnata kollha, stajna nisimgħuhom sew.

Imbagħad bdejna nisimgħu s-sireni tal-ambulanzi u tal-karozzi tal-pulizija. Peress li l-isptar ġenerali jinsab biswit id-dar tagħna, allura stajna nisimgħu u naraw il-movimenti kollha li kienu għaddejjin bejn l-università u l-isptar.

Fuq il-mezzi tax-xandir ħarġet l-aħbar li t-terroristi firdu l-istudenti Nsara minn dawk Musulmani. Lil dawn tal-aħħar ħallewhom imorru iżda lil dawk Insara sparawlhom għal rashom.

Dakinhar filgħodu ma kellniex quddiesa, peress li konna ppreparati għall-funzjoni ta' filgħaxija. Meta beda joqrob il-ħin tal-funzjoni, l-attakk fuq l-università kien għadu għaddej. Allura staqsejna l-awtoritajiet tas-sigurtà jekk għandniex nibqgħu sejrin bil-programm tagħna. Qalulna li ħarġet ordni mill-pulizija li ħadd ma jista' jitlajja fit-toroq u li mis-6.00pm 'l quddiem kellu jibda l-*curfew*. Allura ddeċidejna li nħassru kollox. Kienet ħasra li f'dan il-jum tant għażiż għall-Knisja u għalina s-saċerdoti ma stajniex niċċelebraw fil-katidral – festa tat-twaqqif tas-saċerdozju u lanqas stajna nqaddsu.

L-attakk baqa' sejjer sa tard filgħaxija, meta rġajna smajna tiri tal-armi tan-nar u tliet splużjonijiet kbar, u mbagħad ma smajna xejn iżjed. Kien l-aħħar attakk li għamlu l-forzi tal-ordni u l-aħħar tliet terroristi splodew lilhom infushom. Aktar tard billejl ħarġet l-aħbar uffiċjali li l-mejtin kienu 147 u 'l fuq minn 70 feruti.

Dakinhar stess ippruvajna mmorru l-isptar biex inżuru l-feruti u naraw kif nistgħu ngħinuhom, jew bl-amministrazzjoni tas-sagramenti, jew b'kelma ta' faraġ jew billi ngħinuhom jagħmlu kuntatt mal-familjari tagħhom. Ma kienx possibbli li nidħlu narawhom minħabba s-sigurtà. L-għada filgħodu rġajna morna nippruvaw u qalulna li l-feruti kollha ġew trasportati għall-kamp militari biex jittieħdu Nairobi.



Kien massakru li fakkarna f'żewġ massakri oħra li seħħew fid-djoċesi ta' Garissa, f'waħda mill-parroċċi tagħna, Mandera, għall-ħabta tal-vaganzi tal-Milied. Diversi impjegati li kienu jaħdmu f'Mandera ħasbu biex imorru jqattgħu ftit jiem mal-familjari tagħhom. Bdew il-vjaġġ bil-karozza tal-linja filgħodu kmieni, iżda wara ftit kilometri, grupp tal-Al Shabaab waqqaf il-karozza, ġiegħlu lil kulħadd jinżel, firdu lill-Musulmani mill-Insara u lill-Insara ġegħluhom jimteddu fl-art wiċċhom 'l isfel u sparawlhom għal rashom. Kienu 28 il-mejtin, il-parti l-kbira minnhom għalliema żgħażagħ. Lanqas laħqu għaddew ħmistax-il ġurnata, ftit bogħod minn fejn seħħ dan il-massakru, dan il-grupp terroristiku attakka filgħodu kmieni barriera fejn kienu jaħdmu u joqogħdu diversi ħaddiema. Anki hawn isseparaw il-Musulmani mill-Insara u qatlu 36 ħaddiem Nisrani.



Fil-Ġimgħa l-Kbira għamilna l-funzjoni fit-3.00pm iżda ftit kienu l-Insara li attendew. L-istess Sibt il-Għid, minkejja li bdejna l-funzjoni fit-3.00pm minflok kif suppost wara nżul ix-xemx, xorta waħda ma ġewx ħafna għall-funzjoni.

Il-Ħadd, l-Għid il-Kbir, kien kompletament differenti. Il-katidral kien mimli bħas-soltu. Xi siegħa qabel il-quddiesa kellna ħafna ġurnalisti internazzjonali fuq il-*compound* u ħadu diversi intervisti mingħand xi nies, mill-viċi kappillan u mingħandi. Kien hemm, fost l-oħrajn, ġurnalisti tar-Rai, BBC, CNN, Reuters, żewġ stazzjonijiet Franċiżi, mill-Afrika t'Isfel u miċ-Ċina. Dawn baqgħu jsegwu l-quddiesa kollha, inklużi t-28 magħmudija li kellna dakinhar.

Fil-bidu tal-quddiesa rringrazzjajt lill-Insara li ġew hekk numerużi minkejja dak li seħħ tlett ijiem qabel. Għedtilhom li din is-sena qegħdin niċċelebraw it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid b'mod differenti mis-soltu, b'mod aktar konkret. Filwaqt li s-soltu nfakkru t-tbatija, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu mill-mewt, din is-sena, għedtilhom, qegħdin ngħixu mill-qrib ħafna t-tbatija tal-familjari u l-ħbieb tal-vittmi tal-università, il-mewt ta' tant nies li ħallew



ħajjithom għax huma Nsara, iżda wkoll il-qawmien, mhux biss ta' Kristu iżda wkoll ta' dawn ħutna li innoċentement ġew maqtula u li bil-fidi nemmnu li jinsabu fi ħdan il-Missier Ħanin.

Fl-aħħar tal-quddiesa għedtilhom li m'aħniex weħidna, u qrajtilhom id-diversi messaġġi ta' solidarjetà li rċevejna, fosthom tal-Papa Franġisku, tal-Ministru Provinċjal Fr Martin Micallef f'isem il-provinċja u tal-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles Scicluna. Irringrazzjajt ukoll lill-*media* li kienet qed turi mad-dinja li l-fidi Nisranija għadha ħajja fil-ħajja ta' dawn ħutna preżenti għall-festa tal-Għid il-Kbir. Għedtilhom li f'Ħamis ix-Xirka 147 żagħżugħ u żagħżugħa rċevew il-magħmudija tad-demm u llum 28 tarbija u tfal żgħar irċevew il-magħmudija tal-ilma u l-Ispirtu.

Il-Papa Franġisku, fil-messaġġi tiegħu, għamel diversi riferenzi għal dak li ġara f'Garissa u anki f'ħafna bnadi oħra tad-dinja fuq ħutna l-Insara li qegħdin ibatu persekuzzjoni u anki jħallu ħajjithom. Il-Papa ma ddejjaqx jgħid li dawn huma l-'martri' ta' żmienna, li huma ħafna aktar minn dawk matul il-persekuzzjoni tal-Insara fl-ewwel sekli.

Wara dak li ġara f'Ħamis ix-Xirka fuq il-*campus* tal-università issa qegħdin inħossu r-riperkussjonijiet tiegħu. Minbarra l-Università, diversi kulleġġi – tal-għalliema, tan-*nurses* u tas-snajja' – għalqu. Diversi skejjel għandhom nuqqas ta' għalliema peress li xi għalliema telqu minn Garissa. Anki xi sptarijiet u *clinics* għandhom nuqqas ta' staff. U diversi nies li mhumiex tal-post ħallew Garissa minħabba l-biża' ta' xi attakk ieħor. Il-gvern wiegħed aktar sigurtà. Anki aħna kuljum ikollna żewġ pulizija armati fuq il-*compound*, matul il-jum, minħabba li għandna skola primarja, u matul il-lejl minħabba fina l-*Fathers* u s-*Sisters* li ngħixu hawn.

Aħna fiduċjużi li bil-mod il-mod l-affarijiet jaqilbu għall-aħjar, b'fidi kbira li l-Mulej huwa dejjem magħna, qatt mhu ser iħallina weħidna u li anki Ommna Marija, il-patruna tad-djoċesi ta' Garissa, tkompli tħarisna.



MISSJONI Edward Pentin

# THE CATHOLIC HERALD

**7 May 2015**

## The Bishop Who Risks Martyrdom Everyday

Don't be fooled by appearances: the meek-looking Bishop Alessandro has the heart of a lion and is putting his life on the line in northern Kenya.

Bishop Joseph Alessandro is short in stature, meek and softly spoken. But don't be misled by appearances: he is a courageous man serving Christ and the Church in what has become one of the most dangerous regions for Christians in East Africa.

On Holy Thursday, militants stormed Garissa University College near his cathedral and shot dead at least 150 people, injuring 79 others. The victims, mostly students from other parts of Kenya, were singled out for being Christian and then killed.



"It started early in the morning," Bishop Alessandro, co-adjutor bishop of Garissa diocese, told me at a guesthouse in Rome. "We could hear every gunshot from our house, because it's not even one kilometre away, so it's very close."



A Maltese Capuchin missionary friar, Bishop Alessandro is no stranger to gun violence in the country. In 1993 he was a passenger on a bus held up by shiftas (outlaws) in Kenya who shot him in the hip. That cut short his missionary stay in the country. But after serving as Malta's Capuchin superior general, he returned to Kenya in 2010 when he was appointed general vicar in Garissa. Benedict XVI appointed him co-adjutor in 2012. In Rome for the *ad limina* visit of Kenya's bishops, he serenely recalled the horrific atrocity on the first day of the Easter Triduum.

"There was a lot of movement of police and military men, but we didn't know exactly what was happening inside, because they surrounded the campus of the University so no one could go near," he told me. He and other priests were also prevented from visiting the injured in the hospital the next day, and the Triduum liturgies were disrupted.

But on Easter Sunday, despite the possibility of further attacks, Garissa's cathedral was full. "This was something of a surprise to me," said the bishop, who baptised 28 infants and children at the Mass. He called it a "show of witness" that displayed "the faith of our Catholics". He also saw it as an evangelising moment in the presence of much

international media who stayed for the whole Mass. In his homily, the Maltese bishop said he tried to encourage his flock, telling them they were "celebrating the Paschal mystery in a different way, a more concrete way".

He said he told the local faithful: "If before you used to celebrate the Passion and death of Jesus, this year we are going through the Passion, experiencing the death of so many young people, female and male."

But he comforted them by reminding them of the Resurrection. The 150 victims suffered "a martyrdom of blood", he told the parishioners, adding: "We have new ones who are being baptised by the baptism of water and the Spirit."

"This is how it was," Bishop Alessandro told me, "and they celebrated Easter and participated very actively in the Mass, singing and dancing in the African style."

Both he and Garissa's bishop, fellow Maltese Capuchin Paul Darmanin, are the only two white people in the town in a region where two similar, but smaller, atrocities took place last year.

In November al-Shabaab, which is loosely connected to al-Qaeda, ambushed a bus near Garissa, separated Christians from Muslims and shot dead the 28 Christians. On December 2, the same group attacked workers at a stone quarry in the area, again singling out Christian workers from Muslim ones, and killed 36 of them.

"We are always somewhat concerned about security, also when we have functions," Bishop Alessandro said. "We try to bring security on to the compound, police or military men." He said the liturgies are also brought forward, so that the faithful can return home in daylight.

Their courage is admired by their brother bishops. The two Europeans are a "moving target" and "stand out like a sore thumb", said Bishop Anthony Muheria of Kitui. "You really have to make a decision for heroism, for martyrdom, to live there."

Many reasons are given for the rise of Islamist violence in Kenya, most of them political. The primary cause is al-Shabaab's wish to avenge the Kenyan government for sending troops to join an African Union army



***The bishop baptises a child in a church attacked by militants three years ago***

fighting Islamist militants in Somalia. Kenya's bishops are deeply alarmed by the spread of the violence in a democratic country that is largely peaceful. They also resent the silent international response, especially the omission of the fact that Christians are victims, and they believe the lack of condemnation among many Muslim leaders is part of an effort to make Africa Muslim.

But they are determined to help defuse tensions, chiefly by preaching forgiveness, pursuing dialogue with Muslim and Christian partners, and through prayer. And although he is grateful for the security, Bishop Alessandro would like to see improved information-sharing between the security services.

"We have to pray for peace in Kenya, especially in our area," he said quietly. "We have to pray for the victims' relatives and also the perpetrators, that they might have a change of heart."



# Baskal Fra Ferħan

**Omelija fil-125 anniversarju minn meta l-Qaddej ta' Alla Fra Baskal Farrugia daħal mal-patrijiet Kapuċċini. Il-knisja tal-patrijiet Franġiskani Kapuċċini, il-Belt Victoria. Il-Ħamis 7 ta' Mejju 2015 mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.**

Fil-Bibbja naqraw illi "qalb ferħana tagħti s-saħħa, ruħ imnikkta tmewwet il-ġisem" (Prov. 17, 22). Ma naħsibx li din hija xi verità rivelata minn Alla, imma l-bniedem jitgħallimha mill-esperjenza. Fil-fatt id-dwejjaq, in-niket u d-diżgwid itaqqlulna l-ħajja; imma meta nkunu kuntenti, il-ferħ mhux biss jimliena bil-ħajja u l-enerġija, imma jistimulana biex naqsmu din il-kuntentizza mal-oħrajn. Għalhekk nifhem ukoll għaliex il-bniedem, partikularment il-bniedem tal-lum, ħafna drabi jinfixel għax ma jafx x'jaqbad jagħmel biex jikseb ferħ li jtul u mhux itirlu f'ħakka t'għajn.

Għalhekk għandu jinżlilna balzmu l-kliem ta' Ġesù li jgħidilna: "Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ" (Ġw. 15, 11). Din hija tassew bxara tajba. L-Iben ta' Alla sar bniedem biex jgħinna nkunu ferħanin. Is-sigriet ta' dan il-ferħ li joffri Ġesù jinsab f'dak li qalilna – fi kliem ieħor, fil-Vanġelu. Il-Vanġelu ta' Ġesù huwa għajn ta' ferħ. Ftit ilu l-Papa Franġisku tana kitba importanti ħafna bl-isem *Il-Ferħ tal-Vanġelu*. Dan id-dokument tant hu sabiħ li ma nehdiex nirrakkomanda lil kulħadd biex jaqrah. Fi kliem il-Papa, il-Vanġelu huwa "xmara ta' ferħ" (5). Dan il-Vanġelu, li għalina l-Insara huwa l-ktieb tal-ħajja, tant li miegħu nikkonfrontaw l-għemil tagħna, huwa r-riċetta tal-ferħ veru.

Dan il-ferħ huwa garantit, għax min jifli l-Vanġelu jasal biex jagħraf lil Alla u jiltaqa' mal-persuna ta' Ġesù Kristu. Għax kif jgħid Santu Wistin, il-qalb tal-bnedmin ma ssibx mistrieħ jekk mhux meta ssib lil Alla. Għalkemm aħna l-bnedmin nitħabtu, nieħdu inizjattivi u nagħmlu proġetti, xejn mhu se jagħtina sodisfazzjon li jibqa' jekk Alla ma jkunx parti mill-programm ta' ħajjitna. Fil-fatt, jekk tistaqsuni x'inhu l-aktar li jinkwetani bħala ragħaj spiritwali, ngħidilkom li nibża' li llum ma għadniex inqajmu d-domanda dwar Alla: fejn hu Alla u min hu Alla? Ninkwieta meta nara li l-ġenerazzjoni li tielgħa qed titlef il-gost u l-interess f'Alla u għalhekk qed tittraskura li tagħmel mistoqsijiet dwar Alla. Għal dawk li ma jistaqsux dwar Alla u ma għandhomx interess f'Ġesù, il-Vanġelu jsir sett ta' obbligi li jxekklu flok jeħilsu, jew kitba fost l-oħrajn (u allura naqgħu fir-relattiviżmu) jew ittra mejta.

Aħna nġarrbu l-ferħ tal-Vanġelu meta nagħmlu l-esperjenza tal-imħabba; ma nistgħux inkunu ferħanin jekk ma nkunux maħbubin u jekk ma nafux inħobbu. Fil-fatt il-Vanġelu jurina li aħna maħbubin minn Alla u fl-istess waqt jindikalna b'liema mħabba għandna nħobbu lill-proxxmu tagħna. Ġesù nnifsu jgħidilna li jekk inħarsu



l-kmandamenti tiegħu nibqgħu fi mħabbtu u nkunu ferħanin (ara Ġw. 15, 10). Dawn "il-kmandamenti" la huma l-liġi ta' Mosè u lanqas il-mijiet ta' preċetti li ħolqu l-awtoritajiet reliġjużi, imma huma tnejn: li wieħed iħobb lil Alla b'qalbu kollha, b'ruħu kollha u b'saħħtu kollha, u li jħobb lill-proxxmu tiegħu bħalu nnifsu.



Illum qegħdin infakkru l-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju minn meta Fra Baskal Farrugia daħal fl-Ordni tal-patrijiet Kapuċċini. Fuq il-bieb taċ-ċella tiegħu f'dan il-kunvent, Fra Baskal kellu miktub is-sentenza mill-Ktieb tal-Proverbji li semmejt aktar 'il fuq, jiġifieri li "qalb ferħana tagħti s-saħħa, ruħ imnikkta tmewwet il-ġisem". Meta nqis li Fra Baskal għadda l-biċċa l-kbira mis-sebgħa u erbgħin sena ta' ħajja reliġjuża b'din is-sentenza ma' wiċċu, ma nkunx nesaġera jekk ngħid li kull darba li jilmaħha kien iġedded l-impenn tiegħu biex irawwem fih il-ferħ tal-Vanġelu. L-istess sejħa reliġjuża tiegħu kienet sejħa għall-ferħ. Fil-fatt, kif naqraw f'ittra appostolika li kiteb dan l-aħħar lill-persuni konsagrati, il-Papa Franġisku jgħid li dawk konsagrati huma msejħa biex jagħmlu esperjenza u biex juru li Alla kapaċi jimla lil qalbna u jagħmilna ferħanin mingħajr ma jkollna l-ħtieġa li nfittxu l-ferħ bnadi oħra (2.1).

Bħal f'kull storja ta' persuna reliġjuża, il-ħajja ta' Fra Baskal kienet mixja wara Ġesù u ma' Ġesù. Baskal mar wara Ġesù għax ħassu msaħħar mill-ġmiel tiegħu. Is-sejħa reliġjuża offrietlu l-possibiltà li permezz tal-kunsilli evanġeliċi huwa sar jixbah lil Kristu fqir, safi u ubbidjenti. Din il-mixja huwa mxieha bil-ferħ u wasslitu għall-ferħ għax sab lil Alla. Fil-fatt, dawk li kienu midħla ta' Fra Baskal kienu jaraw fih il-bniedem ta' Alla. Min jafu jgħid li "s-serenità kienet tiddi fuq wiċċu".

Il-qofol tal-ħajja reliġjuża mhuwiex l-appostolat imma n-namur ma' Ġesù Kristu. Mhux ta' b'xejn li Fra Baskal kien jgħaddi ħin twil fil-prezenza ta' Ġesù Ewkaristija. Kif jinnota l-Papa Franġisku, ma jistax ikun hemm "dixxiplu mdejjaq", għax inkella dan ikun ifisser li d-dixxipulat ta' Ġesù huwa xi ħaġa tad-dwejjaq, meta l-verità hija l-kontra – min jitwaħħad ma' Ġesù Kristu jaqsam mill-ferħ divin tiegħu.

Il-Papa Franġisku jgħid li l-ferħ tal-Vanġelu jinbidel fil-ferħ tal-missjoni. Min għandu l-ferħ veru (lil Alla), ma jafx iżommu għalih imma jikkomunikah mal-oħrajn. Dan narawh ukoll fil-ħajja ta' Fra Baskal. Huwa kellu diversi ħidmiet fl-Ordni – kien kok, infermier, purtinar, sagristan u ċirkatur. Iċ-ċirka kienet ħafna għal qalbu, u sajf u xitwa kien joħroġ fit-toroq iħabbat il-bibien biex jittallab il-karità. Huwa kien japprofitta minn dawn il-kuntatti kemm biex jitkellem man-nies dwar Alla u kemm biex jagħmel karità mal-foqra. Il-fantasija karitattiva tiegħu kienet kbira, tant li wieħed minn sħabu, Patri Ġjaċintu, jgħid li "mal-morda Fra Baskal kien veru omm".

Bħal missieru San Franġisk, Fra Baskal kien jaf li l-ferħ perfett (*perfecta lætitia*) kien iġarrbu meta xi ħadd kien jumiljah imma hu jibqa' seren u kalm. Darba l-Gwardjan tiegħu sabu qed jaħsel ħwejġu f'post fejn ma kienx suppost ikun, u tah ħasla mhux ħażin, imma Fra Baskal baqa' sieket u obda.

Filwaqt li nitolbu lil Alla biex jagħtina dan id-don tal-ferħ, nitolbuh ukoll biex il-Knisja tagħna tibqa' tgawdi l-preżenza tar-reliġjużi li huma ikona ħajja ta' dan is-sigriet: li l-ferħ veru jiġi mill-Vanġelu u l-għaqda tagħna ma' Alla.





AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA Fr Publius Mair OFMCap - Segretarju Provinċjali

# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## Laqgħa fi Brussell għal dawk Responsabbli mis-Segretarjat tal-Missjoni

Bejn is-27 ta' April u l-1 ta' Mejju 2015 ġiet għal darb'oħra organizzata l-laqgħa annwali għal dawk l-Aħwa Kapuċċini li huma responsabbli mis-Segretarjat tal-Missjoni fil-provinċji rispettivi tagħhom fi ħdan iċ-CENOC. Għal din il-laqgħa Malta għat-tieni sena konsekuttiva kienet mistiedna u attenda Huna Philip Cutajar bħala responsabbli mis-Segretarjat tal-Missjoni fil-provinċja tagħna.

Matul din il-laqgħa kien hemm diversi punti interessanti fuq l-aġenda, li ġew ittrattati, fosthom il-futur tal-ħidma missjunarja mill-provinċji tal-Ewropa, il-ħidma li għadhom qed iwettqu diversi provinċji, għalkemm m'għadx għandhom missjoni fir-responsabbiltà tagħhom, l-evanġelizzazzjoni tal-Ewropa u mhux inqas id-dħul massiv ta' immigranti irregolari fl-Ewropa. Dwar dan l-aħħar suġġett Huna Philip ġie mitlub jippreżenta informazzjoni elaborata b'referenza speċjali għas-sitwazzjoni f'Malta. Kienu diversi l-interventi u l-mistoqsijiet li saru, fejn intwera kemm l-interess kif ukoll is-solidarjetà għal dak li jiġri fl-Ewropa bl-eluf ta' immigranti li deħlin u mhux inqas it-traġedji li qed iseħħu fil-Mediterran.

Fit-tmiem tal-laqgħa l-parteċipanti riedu jkunu konkreti billi naraw bħala Franġiskani Kapuċċini liema xhieda sejrin nagħtu quddiem din it-traġedja. Jinħass il-bżonn li bħala Kapuċċini m'għandniex noqogħdu lura milli hekk kif fl-imgħoddi konna ġenerużi mmorru fl-artijiet tal-missjoni, issa nkomplu nuru l-istess ġenerożità ma' ħafna li ġejjin mill-Afrika lejn l-Ewropa. Bħala pass konkret ta' solidarjetà l-parteċipanti kollha qablu bejniethom li jgħinu lilna l-Kapuċċini Maltin, bil-għan li nkomplu ntejbu u nifirxu aktar il-ħidma tagħna ma' dawn l-immigranti. Għal dan il-għan is-Segretarjat tal-Missjoni tal-provinċja tagħna qiegħed jipprepara proġett bil-għan li jiġi ffinanzjat minn Ħutna l-Kapuċċini tal-Ewropa.









## Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini

Għal sena oħra nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju 2015, festa solenni ta' tlugħ il-Mulej fis-sema, ġie ċċelebrat il-jum iddedikat lill-ħidma missjunarja fi ħdan il-provinċja tagħna l-Kapuċċini. Għal din l-okkażjoni saret quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Eċċ. tiegħu Mons. Pawlu Darmanin, l-ewwel isqof ta' Garissa fil-Kenja. Fl-introduzzjoni tiegħu għall-quddiesa, Mons. Darmanin enfasizza dwar is-sejħa missjunarja li l-imgħammdin kollha huma msejħin li jgħixu, skont l-istat u ċ-ċirkustanzi li fihom jgħixu.
L-omelija saret mill-Ministru Provinċjal



P. Martin Micallef. Huwa bena l-ħsieb sabiħ tiegħu fuq is-silta tal-Evanġelju tal-ġurnata: il-mandat missjunarju li Ġesù ta lill-appostli qabel ma tela' s-sema. Dan huwa mandat, kompla jgħid il-Provinċjal, li għandna nħossuh kull wieħed u waħda minna billi lkoll kemm aħna niħduh bħala l-vokazzjoni komuni tagħna. Filwaqt li għandna napprezzaw il-ħidma missjunarja li ssir minn dawk li jħallu pajjiżhom u jmorru jxandru l-Bxara t-Tajba f'artijiet tal-missjoni, aħna min-naħa tagħna qatt m'għandna nonqsu li nibnu l-identità tagħna bħala Knisja missjunarja.

Fl-aħħar Huna P. Philip Cutajar għamel kelmtejn ta' għeluq fejn radd il-ħajr lil dawk kollha preżenti, speċjalment lill-Isqof Pawlu Darmanin, lill-Ministru Provinċjal għall-omelija tiegħu u mhux inqas lill-missjunarji u eksmissjunarji preżenti. Huwa radd ħajr lin-nies kollha preżenti, speċjalment lill-ġenituri u qraba tal-missjunarji u lill-benefatturi kollha Maltin u Għawdxin, ta' kull appoġġ kontinwu li jagħtu lill-ħidma missjunarja li l-Kapuċċini wettqu u għadhom qed iwettqu fil-Kenja. Huwa ħeġġeġ lill-benefatturi kollha sabiex qatt ma jonqsu milli jitolbu għall-missjunarji u għall-artijiet tal-missjoni, speċjalment f'dawn il-mumenti diffiċli li għaddejjin minnhom, speċjalment fil-Kenja.

## Nifirħu lill-Kapuċċin Patri Remiġ Galea

Nhar is-Sibt 25 ta' April 2015, f'waħda mis-swali tal-lukanda Ta' Ċenċ, inżamm Jum Sannat, Jum il-Parroċċa, li dis-sena qed tagħlaq 327 sena. Matul din is-serata ngħata wkoll Ġieħ Sannat, li dis-sena ntrebaħ mill-Patri Kapuċċin imwieled f'Ta' Sannat fl-1937, il-poeta Patri Remiġ Galea, li qatta' għomru jdur mas-sodod tal-moribondi u morda fl-isptarijiet tagħna. Is-sala kienet mimlija nies tifraħ lil dan il-patri twajjeb u umli; kien preżenti l-Onor. Ministru għal Għawdex Dr Anton Refalo kif ukoll il-kunsill lokali tar-raħal immexxi mis-sindku żagħżugħ tiegħu Philip Vella. Qabel l-għoti tal-premju kienet ippreżentata Powerpoint dwar il-ħajja ta' Patri Remiġ, li fi tmiem is-serata radd ħajr lill-kunsill ta' dan il-ġieħ u wiegħed li sakemm





saħħtu tippermettilu jibqa' jagħti sehmu fir-raħal u jissokta jikteb bil-Malti.

Nifirħu ma' dan Ħuna P. Remiġ Galea, għaliex il-ġieħ li rċieva huwa ġieħ mogħti lill-Kapuċċini kollha preżenti fil-gżejjer tagħna ta' Malta u Għawdex, speċjalment għall-preżenza tagħhom fl-isptarijiet u fil-qasam tal-poeżija, żewġ ambjenti għal qalb P. Remiġ.

## Boroż ta' studju mogħtija mill-Gruppi ta' Talb 'Padre Pio', Għawdex

Nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, ġiet iċċelebrata t-tifkira tal-128 anniversarju mit-twelid tal-qaddis Padre Piju tal-Pjagi. F'Malta dan l-anniversarju ġie mfakkar b'quddiesa konċelebrata fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa, filwaqt li dik ta' Għawdex saret fil-knisja santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, tagħna l-Kapuċċini, fir-Rabat.



Il-quddiesa konċelebrata fil-Marsa ġiet immexxija minn Mons. Joseph Sultana u miegħu kien hemm Ħuna P. Martin Micallef, Min. Prov. u diversi Diretturi tal-Gruppi ta' Padre Piju f'Malta. Fit-tmiem tal-quddiesa ngħatat is-somma ta' 450 ewro lil Patri Franco Fenech OFMCap għal RISE. Filwaqt li dik ta' Għawdex ġet immexxija minn Ħuna Fr Philip Cutajar bħala responsabbli mis-Segretarjat tal-Missjoni. F'Għawdex, wara l-quddiesa, is-Sur Vincent Scerri f'isem il-Gruppi ta' Talb ta' Padre Piju ta s-somma ta' 4,500 ewro għal 7 boroż ta' studju għas-saċerdoti fil-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja.

Nixtiequ li f'isem dawk kollha li bbenefikaw minn dawn l-għotjiet ġenerużi nroddu ħajr lil dawk kollha li taw l-offerta tagħhom. Kemm huwa nobbli li l-Gruppi ta' Talb ta' P. Piju jkomplu jgħixu l-kariżma li kellu dan il-qaddis tal-pjagi, fejn minbarra t-talb li jagħmlu meta jiltaqgħu flimkien iħaddnu wkoll l-aspett soċjali fl-għajnuna lill-fqar u lill-missjonijiet, hekk kif għamel l-istess qaddis meta wasal biex saħansitra bena sptar ġewwa San Giovanni Rotondo!



KOMPETIZZJONI Fr Wistin Attard OFMCap

# ROKNA GĦAT-TFAL



NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA

*Ir-rebbieħ ta' kull kompetizzjoni qed jingħata żewġ kotba ppubblikati reċentement, mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.*

Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan,**
**Il-Kunvent tal-Kapuċċini**
**Il-Furjana FRN 1211.**

Agendabookshop

***Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni TISLIBA 142 ta' Ġunju u Lulju 2015: MARIJA MUSCAT - 12, ĠNIEN XIBLA - IX-XAGĦRA - GĦAWDEX***

***Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni ROKNA GĦAT-TFAL ta' Ġunju u Lulju 2015 'Kotba tat-Testment il-Qadim Nru 1': KRISTY DESIRA - "LIPARIS" TRIQ IL-KARMNU - ĦAŻ-ŻABBAR***

***Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini - Il-Furjana.***

## Aqta' min Nru 25

1. Min kien ħadhom fl-eżilju. (Neħ. 7, 6)
2. Ulied min kienu l-Leviti. (Neħ. 7, 43)
3. Ulied min kienu l-kantanti. (Neħ. 7, 44)
4. Iżżewġet seba' darbiet u żwiegħa kollha mietu. (Tob. 3, 7-8)
5. Intbagħat ifejjaq lil Tobit u lil Sara. (Tob. 3, 17)
6. Għand min kienu l-flus ta' Tobit. (Tob. 4, 1)
7. Wegħidhom li jċedi l-belt jekk Alla ma jgħinhomx. (Ġdt. 7, 30-31)
8. Dan kien fl-għalqa, ħa xemxata, u miet. (Ġdt. 8, 3)
9. Armla li baqgħet tilbes drapp tal-ixkejjer. (Ġdt. 8, 4-5)
10. Dan ma niżilx għarkupptejh quddiem Haman. (Est. 3, 3)
11. Qala' ċ-ċurkett minn sebgħu u tah lil Haman. (Est. 3, 8.10)
12. Ikkundannati għad-dlam tal-abbissi. (Est. B, 7)

## TISLIBA NRU 143



1. Int li tgħammar hawn. (Mik. 1, 11) (5)
2. Għal kemm-il jum bkew lil Aron. (Num. 20, 29) (6)
3. Li huma... ikollhom. (2 Tim. 2, 2) (5)
4. ... u ħafna nies. (Mt. 9, 23) (5)
5. Minn dan sa Mosè. (Rum. 5, 14) (4)
6. Minn fejn kien l-anzjan. (2 Mak. 6, 1) (5)
7. Ftiehmu ma' dawn tagħhom. (Est. Ċ, 19) (5)
8. Ħa jkun... kollu. (Esd. 6, 12) (5)
9. Mulej, ... hu Alla. (1 Kron. 17, 26) (3)
10. Fil-loġġa ta' min? (Ġw. 10, 23) (7)
11 u 12. Fuq xiex qallu jikteb. (Eżek. 37, 16) (6)
13. Insikket il ħoss ta' din. (Ġer. 25, 10) (6)
14. X'kien jagħmel Noè lill-arka. (1 Pt. 3, 20) (5)
15. Għat-truf tal-art ta' dawn. (Ġoż. 16, 2) (5)
16. ... u morru lura. (2 Slat. 1, 6) (5)
17. Il-ħaddiem jiġih ħelu dan. (Koħ. 5, 11) (5)
18. Hekk jagħmel bih innifsu. (Gal. 6, 3) (7)
19. Għat-tjur ta' hawn. (Ġob 28, 21) (4)
20. Tliet dnubiet ta' din. (Għam. 1, 9) (3)
21. Hekk nagħmel fuqek is-swat. (Eż. 9, 14) (5)
22. Lilha kellu jingħata d-dawl. (Għerf 18, 4) (5)

**Soluzzjoni ta' Ġunju - Lulju:**

1. Ħutna; 2. Kixtet; 3. Sikka; 4. Żgura; 5. Falz; 6. Siġra; 7. Urini; 8. Gradi; 9. Naf; 10. Kurazza; 11 u 12. Itamar; 13. Absint; 14. Rażan; 15. Midra; 16. Baħar; 17. Ittri; 18. Aħażija; 19. Armi; 20. Set; 21. Aħmar; 22. Abner.

# Għajnuna għall-Missjoni
# Kif? B'liema Mod? Kemm?

## 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

**L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.**

1 **BORŻA TA' STUDJU** sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

2 **IBAGĦTULNA BOLOL U *TELECARDS* UŻATI...** Naċċettaw kull tip ta' bolol u *telecards* użati. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI. Kull kilo bolol użati aħna nbigħuh b'5 ewro għall-missjoni.

3 **NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI TAL-VAT** sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

4 **BAŻAR B'RISQ IL-MISSJONI.** Miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 u l-11.30am u bejn l-4.30 u s-7.30pm. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5 **NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA KULL OĠĠETT LI NISTGĦU NBIGĦU FIL-BAŻAR GĦALL-MISSJONI** minbarra lbies (*clothes*) u żraben użati.

6 Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla; Il-Qawra; San Ġiljan; Paola; Santa Luċija.

7 **INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES.** Meta tagħtu flus biex isir quddies fil-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

8 Meta tiġi biex tagħmel it-testment, wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI THALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**





*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**

**Telefown:** 2123 3874 2123 4949
2122 5525

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com